# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla)

25 ta' April 2018*

"Għajnuna mill-Istat – Għajnuna mogħtija taħt il-Liġi Ungeriża Nru XCIV tal-2014 dwar il-kontribuzzjoni tas-saħħa tal-kumpanniji tat-tabakk – Għajnuna li tirriżulta minn emenda li seħħet fl-2014 għal-Liġi Ungeriża tal-2008 dwar il-Katina tal-Ikel u Kontroll Uffiċjali tagħha – Taxxi b'rati progressivi fuq il-fatturat annwali – Deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE – Adozzjoni simultanja ta' ordni ta' sospensjoni – Rikors għal annullament – In-natura separabbli tal-ordni ta' sospensjoni – Interess ġuridiku – Ammissibbiltà – Obbligu ta' motivazzjoni – Proporzjonalità – Ugwaljanza fit-trattament – Drittijiet tad-difiża – Prinċipju ta' kooperazzjoni leali – Artikolu 11(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999"

Fil-Kawżi magħquda T-554/15 u T-555/15,

**L-Ungerija**, irrappreżentata minn M. Fehér u G. Koós, bħala aġenti,

rikorrenti,

vs

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn L. Flynn, P.-J. Loewenthal u K. Talabér-Ritz, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament parzjalment tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 4805 finali, tal-15 ta' Lulju 2015, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.41187 (2015/NN) – l-Ungerija – Kontribuzzjoni għas-saħħa mill-impriżi tal-industrija tat-tabakk (ĠU 2015, C 277, p. 24), u, min-naħa l-oħra, tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 4808 finali tal-15 ta' Lulju 2015 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.40018 (2015/C) (ex 2014/NN) – Emenda tal-2014 għat-tariffa Ungeriża għall-ispezzjoni tal-katina tal-ikel (ĠU 2015, C 277, p. 12).

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla),

komposta minn S. Gervasoni, President, L. Madise u K. Kowalik-Bańczyk (Relatur), Imħallfin,

Reġistratur: N. Schall, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tat-12 ta' Ottubru 2017,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż.

## Sentenza

### Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 F'Diċembru 2014, il-Parlament Ungeriż, minn naħa, adotta l-Liġi Nru XCIV tal-2014 dwar il-dwar il-kontribuzzjoni għas-saħħa mill-impriżi tal-industrija tat-tabakk u, min-naħa l-oħra, introduċa emendi għal-Liġi Nru XLVI tal-2008 dwar il-katina tal-ikel u l-kontroll uffiċjali tagħha. Dawn l-atti daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2015 u l-1 ta' Jannar 2015, rispettivament.

2 Il-liġi Ungeriża Nru XCIV tal-2014 dwar il-kontribuzzjoni għas-saħħa tal-impriżi tal-industrija tat-tabakk introduċiet taxxa ġdida, applikabbli l-operaturi tal-imħażen awtorizzati, l-importaturi jew kummerċjanti rreġistrati tal-prodotti tat-tabakk, fuq mill-inqas 50 % tal-fatturat totali annwali tal-produzzjoni jew tal-kummerċ ta' dawn il-prodotti (minn hawn 'il quddiem imsejħa "l-kontribuzzjoni tas-saħħa"). Il-kontribuzzjoni tas-saħħa kellha tiġi imposta fuq il-fatturat annwali tal-persuni taxxabbli skont rata gradwali kif ġej:

– 0 % fuq il-porzjon ta' fatturat li ma jaqbiżx it-30 miljun forint Ungeriż (HUF) (madwar EUR 96 500);

– 0.2 % fuq il-parti tad-dħul mill-bejgħ li jaqbżu HUF 30 miljun, iżda li ma jaqbżux HUF 30 biljun (madwar EUR 96.5 miljun);

– 2.5 % fuq il-parti tad-dħul mill-bejgħ li jaqbżu HUF 30 biljun u li ma taqbiżx HUF 60 biljun (madwar EUR 193 miljun);

– 4.5 %, għall-parti tal-fatturat li taqbeż HUF 60 biljun.

3 Din il-liġi tipprevedi wkoll tnaqqis tad-dejn fiskali li jirriżulta mill-kontribuzzjoni tas-saħħa sa 80 % tal-kontribuzzjoni pagabbli jekk il-kumpannija tkun għamlet investimenti eliġibbli f'assi tanġibbli (iktar 'il quddiem it-"tnaqqis mill-kontribuzzjoni tas-saħħa f'każ ta' investimenti").

4 L-emenda tal-Liġi Nru XLVI dwar il-katina tal-ikel u l-kontroll uffiċjali tagħha kienet tirrigwarda, min-naħa tagħha, it-tibdil tal-istruttura tat-tariffa għall-ispezzjoni tal-katina tal-ikel, skont l-imsemmija liġi, magħmula applikabbli għall-operaturi kollha tal-katina tal-ikel. Qabel din l-emenda, l-operaturi tal-katina tal-ikel kellhom iħallsu t-tariffa għall-ispezzjoni tal-katina tal-ikel kkalkulata skont rata fissa unika ta' 0.1 % tad-dħul mill-bejgħ miksub qabel it-taxxi tas-sena preċedenti. Il-modifika inkwistjoni kienet l-introduzzjoni ta' rata gradwali ta' din it-tariffa applikabbli speċifikament għal ħwienet li jbigħu l-oġġetti ta' konsum ta' kuljum (iktar 'il quddiem it-"tariffa għall-ispezzjoni tal-katina tal-ikel kif emendata"). Din ir-rata ġdida gradwali kienet kif ġej:

– 0 % fuq il-parti tad-dħul li ma taqbiżx HUF 500 miljun (madwar EUR 1.6 miljun);

– 0.1 % fuq il-parti tad-dħul mill-bejgħ li taqbeż HUF 500 miljun, iżda li ma taqbiżx HUF 50 biljun (madwar EUR 160.6 miljun);

– 1 % fuq il-parti tad-dħul mill-bejgħ li taqbeż HUF 50 biljun u li ma taqbiżx HUF 100 biljun (madwar EUR 321.2 miljun);

– 2 % fuq il-parti tad-dħul mill-bejgħ li taqbeż HUF 100 biljun u li ma taqbiżx HUF 150 biljun (madwar EUR 481.8 miljun);

– 3 % fuq il-parti tad-dħul mill-bejgħ li taqbeż HUF 150 biljun u li ma taqbiżx HUF 200 biljun (madwar EUR 642.4 miljun);

– 4 % fuq il-parti tad-dħul mill-bejgħ li taqbeż HUF 200 biljun u li ma taqbiżx HUF 250 biljun (madwar EUR 803 miljun);

– 5 % fuq il-parti tad-dħul mill-bejgħ li taqbeż HUF 250 biljun u li ma taqbiżx HUF 300 biljun (madwar EUR 963.5 miljun);

– 6 % għall-parti tal-fatturat li taqbeż HUF 300 biljun.

5 F'Diċembru 2014, il-Kummissjoni Ewropea ħadet konjizzjoni tal-emendi għal-Liġi Nru XLVI dwar il-katina tal-ikel u s-superviżjoni uffiċjali tagħha. F'Marzu 2015, il-Kummissjoni rċeviet ilment dwar din l-emenda.

Fl-istess żmien, il-Kummissjoni rċeviet ilment dwar l-introduzzjoni tal-kontribuzzjoni għas-saħħa. B'ittri, rispettivament, tas-17 ta' Marzu 2015 u tat-13 ta' April 2015 (iktar 'il quddiem l-"ittri ta' informazzjoni tas-17 ta' Marzu u tat-13 ta' April 2015"), il-Kummissjoni għaddiet l-ilmenti lill-awtoritajiet Ungeriżi u talbithom jikkummentaw u stednithom jipprovdu informazzjoni. F'dawn l-ittri, ifformulati f'termini sostanzjalment simili, il-Kummissjoni informat lill-awtoritajiet Ungeriżi li, fil-fehma tagħha, id-differenzazzjoni bejn impriżi li jinsabu f'sitwazzjoni komparabbli, li jirriżultaw, minn naħa, tar-rata gradwali tat-tariffa għall-ispezzjoni tal-katina tal-ikel kif emendata u, min-naħa l-oħra, tar-rata gradwali tal-kontribuzzjoni għas-saħħa, kif ukoll it-tnaqqis tal-kontribuzzjoni għas-saħħa fil-każ ta' investiment, setgħet timplika għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern. F'kull waħda minn dawn l-ittri, il-Kummissjoni semmiet il-possibbiltà li toħroġ lill-Ungerija ordni ta' sospensjoni, skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu [108 TFUE] (ĠU 1999, L 83, p. 1), u talbitha biex tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-applikazzjoni eventwali ta' tali ordni f'terminu ta' 20 jum ta' xogħol.

6 L-awtoritajiet Ungeriżi rrispondew b'ittri tas-16 ta' April u tat-12 ta' Mejju 2015 rispettivament.

7 Fil-15 ta' Lulju 2015, il-Kummissjoni adottat, minn naħa, id-Deċiżjoni C(2015) 4805 finali, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.41187 (2015/NN) – L-Ungerija – Kontribuzzjoni Ungeriża għas-saħħa min-negozji tal-industrija tat-tabakk (ĠU 2015, C 277, p. 24, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni tas-saħħa"), u, min-naħa l-oħra, id-Deċiżjoni C(2015) 4808 finali, dwar l-għajnuna mill-Istat SA.40018 (2015/C) (ex 2014/NN) – Emenda tal-2014 għat-tariffa għall-ispezzjoni tal-katina tal-ikel fl-Ungerija (ĠU 2015, C 277, p. 12, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni dwar l-emendar tat-tariffa ta' spezzjoni tal-katina tal-ikel") (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, id-"deċiżjonijiet ikkontestati").

8 Fl-ewwel lok, fid-deċiżjonijiet ikkontestati, il-Kummissjoni qieset li r-rati tat-taxxa progressivi tat-tariffa għall-ispezzjoni tal-katina tal-ikel kif emendata, minn naħa, u r-rata ta' tassazzjoni gradwali tal-kontribuzzjoni għas-saħħa kif ukoll it-tnaqqis tal-kontribuzzjoni għas-saħħa fil-każ ta' investimenti, min-naħa l-oħra (iktar 'il quddiem il- "miżuri nazzjonali inkwistjoni"), kien fihom element ta' għajnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, u esprimiet id-dubji tagħha dwar il-kompatibbiltà ta' din l-għajnuna mill-Istat mas-suq intern. Fid-dawl ta' dawn id-dubji, il-Kummissjoni, permezz tad-deċiżjonijiet ikkontestati, fetħet żewġ proċeduri ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE u stiednet lill-Ungerija, kif ukoll il-partijiet interessati, sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom.

9 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 108(3) TFUE, il-Kummissjoni qieset li l-miżuri nazzjonali inkwistjoni jikkostitwixxu għajnuna illegali, peress li dawn ma kinux ġew innotifikati u li, fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati, dawn il-miżuri kienu għadhom fis-seħħ. Il-Kummissjoni rrilevat li l-miżuri hawn fuq imsemmija, jistgħu sostanzjalment jaffettwaw il-kompetizzjoni fis-suq u, minħabba l-applikazzjoni kontinwa tagħhom, hija adottat ordnijiet ta' sospensjoni, fis-sens tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999, li jordnaw lill-Ungerija, minn naħa waħda, is-sospensjoni tal-applikazzjoni tar-rata ta' taxxa gradwali tat-tariffa għall-ispezzjoni

tal-katina tal-ikel kif emendata u, min-naħa l-oħra, l-applikazzjoni tar-rata ta' taxxa gradwali tal-kontribuzzjoni għas-saħħa, kif ukoll it-tnaqqis tal-kontribuzzjoni għas-saħħa fil-każ ta' investiment, sakemm il-Kummissjoni tieħu d-deċiżjoni tagħha dwar il-kompatibbiltà ta' dawn il-miżuri mas-suq intern (iktar 'il quddiem "l-ordnijiet ikkontestati").

10 Fl-4 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni adottat żewġ deċiżjonijiet li jtemmu l-proċeduri ta' investigazzjoni formali miftuħa permezz tad-deċiżjonijiet ikkontestati, jiġifieri d-Deċiżjoni (UE) 2016/1846 dwar il-miżura SA.41187 (2015/C) (ex 2015/NN) implimentata mill-Ungerija – Kontribuzzjoni għas-saħħa tal-impriżi tal-industrija tat-tabakk (ĠU 2016, L 282, p. 43), u d-Deċiżjoni (UE) 2016/1848 dwar il-miżura SA.40018 (2015/C) (ex 2015/NN) emenda tal-2014 għat-tariffa għall-ispezzjoni tal-katina tal-ikel fl-Ungerija implementata mill-Ungerija (ĠU 2016, L 282, p. 63) (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, id-"deċiżjonijiet finali").

## Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

11 Permezz ta' atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-25 ta' Settembru 2015, l-Ungerija ippreżentat dawn ir-rikorsi, kontra d-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni tas-saħħa (T-554/15) u d-deċiżjoni dwar l-emendar tat-tariffa għall-ispezzjoni tal-katina tal-ikel (T-555/15).

12 Fl-14 u l-15 ta' Jannar 2016, il-Kummissjoni ppreżentat is-sottomissjonijiet ta' difiża f'kull waħda mill-kawżi.

13 Permezz ta' ittra tal-11 ta' Novembru 2016, il-Qorti Ġenerali, abbażi tal-Artikolu 131(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, stiednet lill-partijiet biex iwieġbu għad-domandi bil-miktub dwar il-persistenza tal-għan ta' dawn ir-rikorsi. Il-partijiet wieġbu dawn il-mistoqsijiet fit-terminu mogħti.

14 B'deċiżjoni tal-President tar-Raba' Awla tal-Qorti Ġenerali tal-24 ta' Mejju 2017, wara li nstemgħu l-partijiet, il-Kawżi T-554/15 u T-555/15 ingħaqdu għall-finijiet tal-proċedura orali u tas-sentenza, skont l-Artikolu 68 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

15 Waqt is-seduta tat-12 ta' Ottubru 2017, wara li nstemgħu l-partijiet, il-President tad-Disa' Awla tal-Qorti Ġenerali ddeċieda li l-Kawżi T-554/15 u T-555/15 għandhom jingħaqdu wkoll għall-finijiet tad-deċiżjoni li tagħlaq l-istanza.

16 Fil-Kawża T-554/15, l-Ungerija titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla parzjalment id-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni tas-saħħa, sa fejn hija tordna s-sospensjoni tal-applikazzjoni tar-rati ta' tassazzjoni gradwali tal-kontribuzzjoni għas-saħħa u biex jitnaqqas il-kontribut tas-saħħa f'każ ta' investiment;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

17 Fil-Kawża T-555/15, l-Ungerija titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla parzjalment id-deċiżjoni dwar l-emendar tat-tariffa ta' spezzjoni tal-katina tal-ikel, sa fejn hija tordna s-sospensjoni tal-applikazzjoni tar-rati ta' tassazzjoni gradwali tat-tariffa għall-ispezzjoni tal-katina tal-ikel kif emendata;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

18 F'kull kawża, il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lill-Ungerija għall-ispejjeż.

## Id-dritt

### *Osservazzjonijiet preliminari*

19 Skont l-Artikolu 107(1) tat-TFUE, għajr għad-derogi previsti mit-Trattati, huma inkompatibbli mas-suq intern, sa fejn din taffettwa l-iskambji bejn l-Istati Membri, l-għajnuna mogħtija mill-Istati jew permezz ta' riżorsi tal-Istat fi kwalunkwe forma li tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi lil ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti.

20 L-Artikolu 108 TFUE jistabbilixxi l-proċedura ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istati Membri, sabiex jiġi evitat it-tfixkil tal-kompetizzjoni kkawżat minn għajnuna inkompatibbli mas-suq intern.

21 Għalhekk, minn naħa, l-Artikolu 108(2) TFUE jipprovdi li jekk, wara li tkun stiednet lill-partijiet interessati sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom, il-Kummissjoni tqis li għajnuna mogħtija minn Stat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat ma hijiex kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107 TFUE, hija tiddeċiedi li l-Istat interessat għandu jwaqqafha jew li jimmodifikaha fit-terminu ta' żmien li hija tiddetermina.

22 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 108(3) TFUE jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni fi żmien xieraq biex tissottometti l-osservazzjonijiet tagħha, dwar kull proġett biex tiġi mogħtija jew biex tiġi mmodifikata għajnuna. Jekk il-Kummissjoni tqis li proġett bħal dan ma jkunx kompatibbli mas-suq komuni skont it-termini tal-Artikolu 107 TFUE, hija għandha mingħajr dewmien tibda l-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE. L-Istat Membru kkonċernat ma jistax jimplimenta l-miżuri ppjanati qabel ma din il-proċedura tasal għal deċiżjoni finali.

23 Il-ġurisprudenza abbundanti tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali li tispeċifika d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 108 TFUE kienu fil-biċċa l-kbira inklużi fir-Regolament Nru 659/1999, imħassar u ssostitwit mill-14 ta' Ottubru 2015 bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 [TFUE] (ĠU 2015, L 248, p. 9).

24 Skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament Nru 659/1999, il-Kummissjoni għandha tiftaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE, jekk hija tikkonstata, wara eżami preliminari, li l-miżura nnotifikata tqajjem dubji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern. Id-deċiżjoni meħuda abbażi ta' dan l-artikolu hija magħrufa bħala deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali.

25 Il-ftuħ ta' proċedura ta' investigazzjoni formali hija possibbli mhux biss meta l-Kummissjoni teżamina miżura nnotifikata, iżda wkoll, skont l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 659/1999, meta teżamina għajnuna possibilment illegali, jiġifieri, skont l-Artikolu 1(f) tal-imsemmi regolament, miżura li l-Kummissjoni tqis, f'dan l-istadju tal-proċeduri, li tkun għajnuna ġdida li tiddaħħal fis-seħħ bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE.

26 L-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward ta' miżura nazzjonali fl-ipoteżi prevista fl-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 659/1999 tibdel is-sitwazzjoni ġuridika ta' din il-miżura, fid-dawl tal-konklużjoni provviżorja tal-Kummissjoni dwar in-natura tal-għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE u fuq in-natura illegali minħabba ksur possibbli tal-obbligu ta' notifika ta' kull proġett ta' għajnuna ġdida, stabbilita fl-Artikolu 108(3) TFUE. Sal-adozzjoni ta' tali deċiżjoni, l-Istat Membru, l-impriżi benefiċjarji u l-operaturi ekonomiċi l-oħra jistgħu jaħsbu li l-miżura qiegħda tiġi legalment implimentata, pereżempju bħala miżura ġenerali li ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE jew bħala għajnuna eżistenti, fis-sens tal-Artikolu 108(1) TFUE u skont l-Artikolu 1(b) tar-Regolament Nru 659/1999, li l-implimentazzjoni

sussegwenti tagħha tibqa' legali f'dan l-istadju. Għall-kuntrarju, wara l-adozzjoni ta' tali deċiżjoni, ikun hemm minn tal-inqas dubju kunsiderevoli dwar il-legalità ta' din il-miżura, li, bla ħsara għall-possibbiltà li jintalbu miżuri provviżorji quddiem l-Imħallef għal miżuri provviżorji, għandu jwassal lill-Istat Membru sabiex jissospendi l-applikazzjoni tagħha, peress li l-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali jeskludi deċiżjoni immedjata li tikkonstata l-kompatibbiltà tal-miżura inkwistjoni mas-suq intern, konstatazzjoni li tfisser li l-eżekuzzjoni tagħha tkun tista' titkompla b'mod legali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Ottubru 2016, Alro vs Il-Kummissjoni, T-517/12, EU:T:2014:890, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Il-klassifikazzjoni tal-miżura nazzjonali li kien is-suġġett ta' deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali ta' għajnuna mill-Istat illegali tobbliga għalhekk l-Istat Membru destinatarju ta' din id-deċiżjoni biex immedjatament jissospendi l-eżekuzzjoni ta' din il-miżura (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Mejju 2005, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-400/99, EU:C:2005:275, punt 39, u tas-16 ta' Ottubru 2014, Alro vs Il-Kummissjoni, T-517/12, EU:T:2014:890, punt 27 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 L-obbligu li tiġi sospiża l-implimentazzjoni tal-miżura nazzjonali mhux notifikata u kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat illegali hija bbażata fuq l-Artikolu 108(3) TFUE, li jistabbilixxi kontroll minn qabel fuq il-proġetti ta' għajnuna ġodda bl-għan li jiġi żgurat li tkun biss l-għajnuna kompatibbli mas-suq intern li tkun implimentata. Sabiex jintlaħaq dan l-għan, l-implimentazzjoni ta' proġett ta' għajnuna għandha għalhekk tiġi sospiża sakemm id-dubji fuq il-kompatibbiltà tiegħu jitneħħew permezz tad-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Novembru 2013, Deutsche Lufthansa, C-284/12, EU:C:2013:755, punti 25 u 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 L-obbligu li tiġi sospiża l-eżekuzzjoni ta' miżura nazzjonali bħala għajnuna mill-Istat illegali permezz tad-deċiżjoni li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali awtomatikament tirriżulta minn din id-deċiżjoni, fis-sens li l-Istat Membru huwa obbligat huwa stess li jislet il-konsegwenzi kollha ta' dik id-deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2001, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-400/99, EU:C:2001:528, punt 60).

30 Sabiex tippermetti lill-Kummissjoni biex tiskoraġġixxi kwalunkwe ksur tar-regoli tal-Artikolu 108(3) TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxitilha barra minn hekk is-setgħa li tordna lill-Istat Membru kkonċernat biex minnufih jissospendi l-ħlas ta' għajnuna li hija tqis illegali wara li tagħti lil dak l-Istat Membru l-opportunità jesprimi ruħu (is-sentenzi tal-14 ta' Frar 1990, Franza vs Il-Kummissjoni, C-301/87, EU:C:1990:67, punti 18 sa 20; tal-21 ta' Marzu 1990, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-142/87, EU:C:1990:125, punti 14 sa 16 u 19, u tal-21 ta' Marzu 1991, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-303/88, EU:C:1991:136, punti 46 sa 48).

31 La minn din il-ġurisprudenza u lanqas mill-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999, li rriproduċiha, ma jirriżulta li l-Kummissjoni tkun obbligata tordna b'mod awtomatiku lill-Istat Membru involut jissospendi l-ħlas ta' għajnuna li ma tkunx ġiet innotifikata skont l-Artikolu 108(3) TFUE. Fil-fatt, is-soluzzjoni kuntrarja twassal sabiex iċċaħħad mill-interess tiegħu l-obbligu statutorju impost fuq l-Istat Membru permezz tal-Artikolu 108(3) TFUE ma jimplimentax l-għajnuna proġettata qabel id-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni u jwassal biex ireġġgħu lura r-rwoli bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Ġunju 1999, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-75/97, EU:C:1999:311, punt 74 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Hemm differenzi proċedurali bejn, minn naħa, is-sospensjoni ta' miżura fi stadju ta' implimentazzjoni li tirriżulta mid-deċiżjoni li tinbeda l-proċedura formali ta' eżami li tikklassifika din il-miżura ta' għajnuna mill-Istat illegali u, min-naħa l-oħra, l-ordni ta' sospensjoni meħuda fil-konfront ta' dik il-miżura. B'mod partikolari, skont l-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 659/1999, fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tal-ordni ta' sospensjoni, il-Kummissjoni hija awtorizzata li tirreferi direttament lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mingħajr intimazzjoni minn qabel sabiex tiddikjara li dan in-nuqqas ta' konformità jikkostitwixxi ksur tat-Trattat FUE.

33 Dawn id-differenzi proċedurali ma jaffettwawx madankollu l-effett legali ewlieni li għandhom kemm id-deċiżjoni li tinfetaħ proċedura ta' investigazzjoni formali kif ukoll l-ordni ta' sospensjoni u li huwa l-obbligu, impost fuq l-Istat Membru, li jissospendi l-eżekuzzjoni tal-miżura, li hija s-suġġett ta' dawn id-deċiżjonijiet, ibbażata fuq l-Artikolu 108(3) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2001, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-400/99, EU:C:2001:528, punt 60).

### *Fuq l-ammissibbiltà tar-rikors*

34 Permezz tal-appell tagħha, l-Ungerija titlob l-annullament biss l-ordnijiet ta' sospensjoni stabbiliti fid-deċiżjonijiet ikkontestati. Għalhekk, ir-rikorsi ppreżentati mill-Ungerija ma humiex intiżi għall-annullament tad-deċiżjonijiet ikkontestati, peress li permezz tagħhom il-Kummissjoni fetħet proċeduri ta' investigazzjoni formali. L-Ungerija tqis li tali annullament parzjali huwa possibbli f'dan il-każ, peress li l-ordnijiet ikkontestati huma separabbli mid-deċiżjonijiet kontenzjużi fid-dawl tal-kriterju ta' separabbiltà tal-att stabbilit fil-ġurisprudenza.

35 L-annullament parzjali ta' att tal-Unjoni Ewropea huwa possibbli biss sa fejn l-elementi li jkun qiegħed jintalab l-annullament tagħhom ikunu separabbli mill-kumplament tal-att. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ripetutament li r-rekwiżit ta' separabbiltà ma huwiex issodisfatt meta l-annullament parzjali ta' att ikollu l-effett li jbiddel is-sustanza tiegħu (ara s-sentenza tal-18 ta' Marzu 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-427/12, EU:C:2014:170, punt 16 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 Issa, l-ordni skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999 li tordna s-sospensjoni ta' miżura li tista' tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, tista' ssir fl-istess żmien tad-deċiżjoni li tiftaħ il-proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE jew tkun sussegwenti (sentenza tad-9 ta' Ottubru 2001, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-400/99, EU:C:2001:528, punt 47).

37 Anki meta dawn jaġixxu fl-istess ħin, bħal f'dan il-każ, id-deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali u l-ordni ta' sospensjoni jikkostitwixxu atti distinti u rregolati minn dispożizzjonijiet differenti tar-Regolament Nru 659/1999, jiġifieri, minn naħa, l-Artikolu 4(4) tiegħu, u, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 11(1) u l-Artikolu 12 tiegħu.

38 Barra minn hekk, mill-kliem tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999 jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jagħti l-ordni ta' sospensjoni bħala "deċiżjoni" fis-sens tal-Artikolu 288 TFUE. Issa, skont il-ġurisprudenza, tali att għandu jitqies bħala att intiż li jipproduċi effetti legali vinkolanti u li, konsegwentement, huwa suġġett għal appell (is-sentenza tat-13 ta' Ottubru 2011, Deutsche Post u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-463/10 P u C-475/10 P, EU:C:2011:656, punti 43 sa 46).

39 Minn dan isegwi li, meta, kif inhu l-każ hawnhekk, il-Kummissjoni tiddeċiedi b'att uniku li tinfetaħ proċedura ta' investigazzjoni formali u li tadotta ordni ta' sospensjoni, din l-ordni hija sseparata mill-bqija tal-att u għalhekk tista', fiha nnifisha, tkun is-suġġett ta' rikors għal annullament.

40 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-osservazzjonijiet ippreżentati preliminarjament fil-punti 26 sa 33 iktar 'il fuq, l-effetti legali tal-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali u l-adozzjoni ta' ordni ta' sospensjoni jikkoinċidu parzjalment.

41 Issa, fil-kuntest tar-rikors preżenti, l-Ungerija mhux qed titlob l-annullament tad-deċiżjonijiet kontenzjużi sa fejn, permezz tagħhom, il-Kummissjoni fetħet proċeduri ta' investigazzjoni formali. Għandu jiġi osservat, barra minn hekk, li t-talbiet imressqa mill-Ungerija ma fihomx motivi dwar l-eventwali klassifikazzjoni żbaljata tal-miżuri nazzjonali inkwistjoni bħala għajnuna mill-Istat jew għajnuna ġdida, implimentata b'mod illegali. Għaldaqstant, anki jekk jiġi preżunt li l-imsemmija motivi mressqa insostenn ta' dawn ir-rikorsi huma fondati, dan ma għandux ikollu l-effett li jillibera lill-Ungerija mill-obbligu tagħha li tissospendi l-implimentazzjoni tal-miżuri nazzjonali inkwistjoni.

42 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jitfakkar li l-Istati Membri ma għandhomx għalfejn juru l-interess ġuridiku tagħhom meta huma jippreżentaw rikors ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE (ara s-sentenzi tat-13 ta' Ottubru 2011, Deutsche Post u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, C-463/10 P u C-475/10 P, EU:C:2011:656, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami et vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-583/11 P, EU:C:2013:625, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Fid-dawl ta' dak li ntqal, dawn ir-rikorsi għandhom jiġu ddikjarati ammissibbli.

***Fuq il-persistenza tal-għan tar-rikors***

44 Fl-4 ta' Lulju 2016, il-Kummissjoni għalqet il-proċeduri ta' investigazzjoni formali miftuħa permezz tad-deċiżjonijiet ikkontestati billi adottat id-deċiżjonijiet finali. F'dawn id-deċiżjonijiet, hija kkonfermat l-evalwazzjoni mwettqa b'titolu provviżorju fid-deċiżjonijiet kontenzjużi u qieset li l-miżuri nazzjonali inkwistjoni kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli mas-suq intern. L-Ungerija ma kkontestatx id-deċiżjonijiet finali fit-terminu għall-preżentata ta' rikors. Dawn id-deċiżjonijiet ma kinux lanqas is-suġġett ta' rikors ippreżentat minn terz wara l-pubblikazzjoni tagħhom f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fid-19 ta' Ottubru 2016 (ĠU 2016, L 282, p. 43 u 63), u issa huma definittivi.

45 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u fid-dawl tal-motivi mressqa insostenn ta' dawn ir-rikorsi, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tisma' lill-partijiet dwar il-kwistjoni ta' jekk dawn ir-rikorsi ppreżervawx dejjem is-suġġett tagħhom.

46 Il-partijiet wieġbu għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali fl-affermattiv. Huma invokaw, b'mod partikolari, ir-raġunijiet li jirrigwardaw l-inċertezza legali dwar il-kundizzjonijiet li fihom il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tagħmel talba għal ordni ta' sospensjoni, id-differenzi bejn l-effetti legali tad-deċiżjonijiet ikkontestati u deċiżjonijiet finali u l-ħtieġa li jkun żgurat kontroll ġudizzjarju ta' illegalitajiet li jistgħu jivvizzjaw l-ordnijiet ikkontestati, kif ukoll l-istatus tal-Istati Membri fil-kuntest tar-rikorsi ppreżentati abbażi tal-Artikolu 263 TFUE.

47 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali jirriżulta li, jekk l-appelli jiġu ppreżentati, minn naħa, kontra deċiżjoni li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward ta' miżura nazzjonali, u min-naħa l-oħra, kontra deċiżjoni finali li tagħlaq l-imsemmija proċedura u li tiddikjara li l-miżura nazzjonali eżaminata tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern, iċ-ċaħda tar-rikors kontra din id-deċiżjoni tal-aħħar tirriżulta fit-tixjin tas-suġġett tar-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni li tinbeda l-proċedura ta' investigazzjoni formali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-13 ta' Ġunju 2000, EPAC vs Il-Kummissjoni, T-204/97 u T-270/97, EU:T:2000:148, punti 153 sa 159; tas-6 ta' Marzu 2002, Diputación Foral de Álava vs Il-Kummissjoni, T-168/99, EU:T:2002:60, punti 22 sa 26, u tad-9 ta' Settembru 2009, Diputación Foral de Álava *et* vs Il-Kummissjoni, T-30/01 sa T-32/01 u T-86/02 sa T-88/02, EU:T:2009:314, punti 345 sa 363). Skont din il-ġurisprudenza, peress li l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni li tinsab f'deċiżjoni finali hija vvalidata mill-qrati tal-Unjoni Ewropea, inkluż fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-miżura nazzjonali eżaminata bħala għajnuna mill-Istat ġdida, din il-miżura għandha titħassar u l-għajnuna rkuprata *ab initio*. Konsegwentement, f'dan il-każ, ma hemmx iktar lok li tingħata deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' jekk l-istess miżura, li kellha tiġi sospiża wara d-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, kellhiex jew le tiġi leġittimament sospiża (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2009, Diputación Foral de Álava *et* vs Il-Kummissjoni, T-30/01 sa T-32/01 u T-86/02 sa T-88/02, EU:T:2009:314, punt 358).

48 Din il-ġurisprudenza ma tistax tiġi ttrasposta fil-kuntest ta' dawn ir-rikorsi.

49 Fil-fatt, minn naħa, jirriżulta mis-sentenzi ċċitati fil-punt 47 iktar 'il fuq (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-13 ta' Ġunju 2000, EPAC vs Il-Kummissjoni, T-204/97 u T-270/97, EU:T:2000:148, punti 154 sa 158, u tad-9 ta' Settembru 2009, Diputación Foral de Álava *et* vs Il-Kummissjoni,

T-30/01 sa T-32/01 u T-86/02 sa T-88/02, EU:T:2009:314, punti 345, 348 u 355) li, f'ipoteżi bħal dik deskritta fil-punt 47 iktar 'il fuq, il-kwistjoni tat-tixjin tas-suġġett tar-rikors huwa fir-realtà amalgamat ma' dak tat-tixjin tal-interess ġuridiku tar-rikorrenti. Issa, hekk kif ġie mfakkar fil-punt 42 iktar 'il fuq, l-Istati Membri ma għandhomx għalfejn juru l-interess ġuridiku tagħhom meta huma jippreżentaw rikors ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE.

50 Min-naħa l-oħra, ma jistax jiġi eskluż li l-ordni ta' sospensjoni tista' tkun ivizzjata b'illegalitajiet barra dawk li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni żbaljata tal-miżura eżaminata mill-Kummissjoni ta' għajnuna illegali mill-Istat. Jekk l-adozzjoni ta' deċiżjoni li tagħlaq il-proċedura formali ta' eżami kellha twassal għat-telf tas-suġġett tar-rikors ippreżentat kontra l-ordni ta' sospensjoni, l-istħarriġ ġudizzjarju ta' tali illegalitajiet jiġi ostakolat. Issa, f'komunità ta' dritt, bħall-Unjoni, la l-Istati Membri u lanqas l-istituzzjonijiet ma jistgħu jaħarbu mill-istħarriġ tal-konformità tal-atti tagħhom mad-dokument kostituzzjonali bażiku li huwa t-Trattat FUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-23 ta' April 1986, Les Verts vs Il-Parlament, 294/83, EU:C:1986:166, punt 23).

51 Fid-dawl ta' dak li ntqal, hemm lok li jiġi eżaminat ir-rikors fuq il-mertu.

### *Fuq il-mertu*

52 Insostenn tal-appell tagħha, l-Ungerija tinvoka erba' motivi essenzjalment identiċi, ibbażati, l-ewwel wieħed, fuq "abbuż ta' setgħa diskrezzjonali" u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999 kif ukoll fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità; it-tieni wieħed, fuq ksur tal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' trattament ugwali; it-tielet, fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tad-drittijiet tad-difiża tal-Ungerija u, ir-raba', fuq ksur tal-obbligu ta' kooperazzjoni leali, tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tad-dritt għal rimedju effettiv.

53 Barra minn hekk, waqt is-seduta, l-Ungerija ddedikat porzjon sinjifikattiv tas-sottomissjonijiet tagħha għall-espożizzjoni tal-argumenti skont liema l-Kummissjoni identifikat b'mod żbaljat il-qafas ta' riferiment li jidderoga mill-miżuri nazzjonali inkwistjoni. Dan l-iżball tal-Kummissjoni jipprekludi li jiġi ammess li l-imsemmija miżuri kienu selettivi u, konsegwentement, li huma setgħu jiġu kklassifikati bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

54 Hemm lok li jiġi kkunsidrat li billi ressqet dan l-argument, l-Ungerija essenzjalment tqajjem motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE minn klassifikazzjoni żbaljata tal-miżuri nazzjonali inkwistjoni bħala għajnuna mill-Istat.

55 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat, l-ewwel nett, li r-rikorsi ppreżentati mill-Ungerija ma fihomx tali motiv. Barra minn hekk, permezz tal-argumenti żviluppati mill-Ungerija f'dawn ir-rikorsi, huma intiżi biss għall-ordnijiet ikkontestati u ma jikkontestawx ir-raġunijiet li wasslu lill-Kummissjoni biex tiftaħ f'dan il-każ il-proċeduri ta' investigazzjoni formali. Ċertament, fil-kuntest tal-ewwel motiv tar-rikors tagħha, l-Ungerija tirrileva li, fid-deċiżjonijiet ikkontestati, il-Kummissjoni ma stabbilixxietx, iċ-ċirku tal-benefiċjarji esklużivi tal-miżuri nazzjonali inkwistjoni, filwaqt li, skont il-ġurisprudenza, id-determinazzjoni ta' tali kategorija ta' impriżi hija kundizzjoni neċessarja għar-rikonoxximent tan-natura selettiva ta' dawn il-miżuri. Madankollu, dan l-argument għandu jitqies fil-kuntest tal-imsemmi motiv, li permezz tiegħu l-Ungerija ma tikkontestax il-klassifikazzjoni tal-miżuri nazzjonali inkwistjoni bħala għajnuna mill-Istat, iżda jsostni, essenzjalment, li, għall-finijiet tal-adozzjoni ta' ordni ta' sospensjoni, din il-klassifikazzjoni għandha tkun iktar ċerta fir-rigward tal-każ ta' ftuħ ta' proċedura ta' investigazzjoni formali mhux suġġetta għal tali ordni u dan abbażi ta' prattika stabbilita tal-Kummissjoni kif ukoll abbażi tal-ġurisprudenza. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-argument imqajjem waqt is-seduta ma jistax jiġi kkunsidrat bħala amplifikazzjoni tal-ewwel motiv tar-rikors.

56 It-tieni nett, l-osservazzjonijiet magħmula mill-Gvern Ungeriż waqt is-seduta ma humiex ibbażati fuq punti ta' liġi u ta' fatt li ħarġu matul il-proċedura.

57 Konsegwentement, skont l-Artikolu 84 tar-Regoli tal-Proċedura, li jipprojbixxi l-produzzjoni ta' motivi ġodda fil-mori tal-kawża, l-argument imressaq mill-Ungerija matul is-seduta għandu jġi kkunsidrat bħala inammissibbli.

*Fuq l-ewwel motiv*

58 L-ewwel motiv huwa maqsum f'żewġ partijiet, ibbażati, l-ewwel waħda, fuq ksur tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999, minħabba "abbuż tas-setgħa diskrezzjonali" u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni fl-applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni u, it-tieni waħda, fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

*– Fuq l-ewwel parti*

59 Permezz tal-ewwel parti ta' dan il-motiv, l-Ungerija ssostni, essenzjalment, li, sabiex tadotta deċiżjoni ta' ordni ta' sospensjoni skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999, il-Kummissjoni għandha turi, lil hinn mill-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-dispożizzjoni, li jkunu ġew issodisfatti l-kundizzjonijiet addizzjonali.

60 F'dan ir-rigward, hija ssostni li fid-dritt tal-Unjoni, l-applikazzjoni ta' miżuri provviżorji hija suġġetta għal tliet kundizzjonijiet ġenerali li huma l-urġenza, ir-riskju serju ta' dannu sostanzjali u irrimedjabbli u l-*fumus boni juris*, jiġifieri n-natura illegali probabbli tal-miżura li tintalab is-sospensjoni tagħha. Dawn it-tliet kundizzjonijiet huma applikabbli b'mod partikolari għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni u għal miżuri provviżorji oħra li l-qrati tal-Unjoni jistgħu jordnaw skont l-Artikoli 278 u 279 TFUE għall-miżuri provviżorji applikabbli fil-qasam tal-kompetizzjoni abbażi tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, miżuri li l-qrati nazzjonali jistgħu japplikaw abbażi tal-Artikolu 108(3) TFUE u, fl-aħħar nett, ordnijiet ta' rkupru li l-Kummissjoni tista' tordna skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament Nru 659/1999.

61 Skont l-Ungerija, għalkemm l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999 ma jinkludix dawn it-tliet kundizzjonijiet, fil-laqgħa tagħhom tkun meħtieġa għall-adozzjoni ta' ordni ta' sospensjoni, peress li, fl-assenza tagħhom, is-setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni sabiex tadotta dawn l-ordnijiet ma huwa suġġett għal ebda limitu. Barra minn hekk ma jistax jiġi aċċettat li l-leġiżlatur tal-Unjoni kien intenzjonalment naqas milli jippreżenta għall-adozzjoni tal-ordnijiet ta' sospensjoni għal dawn it-tliet kundizzjonijiet, u lanqas li, minħabba dan in-nuqqas, il-qorti tal-Unjoni ma tistax tiffissa limiti għas-setgħa diskrezzjonali tal-Kummissjoni billi tistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tal-ordnijiet ta' sospensjoni. L-Ungerija tippreċiża f'dan ir-rigward li, permezz ta' din il-parti tal-ewwel motiv, hija ma għandhiex l-intenzjoni li tinvoka l-inapplikabbiltà tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999, skont l-Artikolu 277 TFUE.

62 L-Ungerija ssostni, f'dak li jirrigwarda l-kundizzjoni tal-*fumus boni juris*, li, sabiex tadotta deċiżjoni ta' ordni ta' sospensjoni, in-natura ta' għajnuna mill-Istat tal-miżura nazzjonali kkonċernata ma għandhiex dubju fid-dawl tal-prattika stabbilita tal-Kummissjoni jew il-ġurisprudenza tal-qorti tal-Unjoni. Issa, f'dan il-każ, ma hemm la l-prattika tal-Kummissjoni u lanqas il-ġurisprudenza ma tista' tikkonferma mingħajr ambigwità l-klassifikazzjoni ta' għajnuna mill-Istat ta' rata ta' taxxa gradwali bħalma hi r-rata tal-kontribuzzjoni għas-saħħa jew bħal dik tat-tariffa għall-ispezzjoni tal-katina tal-ikel kif emendata. Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, sabiex tkun tista' tikklassifika miżura fiskali bħala għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kategorija ta' impriżi li huma l-uniċi vvantaġġati minn tali miżura. Issa, id-deċiżjonijiet ikkontestati ma jistabbilixxux la l-impriżi ffavoriti u lanqas l-impriżi milquta mill-miżuri nazzjonali inkwistjoni.

63 Fir-rigward taż-żewġ kundizzjonijiet l-oħra, l-Ungerija ssostni li l-adozzjoni tal-ordnijiet ikkontestati ma hijiex neċessarja, peress li, fl-assenza tagħhom, il-miżuri nazzjonali kkontestati ma rriskjawx li jwasslu, b'mod immedjat, għal dannu finanzjarju gravi u irreparabbli, u huwa f'dan l-aspett li d-deċiżjonijiet ikkontestati jikkuntrastaw mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2007) 4313, tas-27 ta' Settembru 2007, dwar l-għajnuna mill-Istat C 41/2007 (ex NN 49/2007) - Rumanija Privatizzazzjoni ta' Tractorul (ĠU 2007, C 249, p. 21), fejn il-Kummissjoni kienet invokat tali riskju sabiex tibbaża deċiżjoni ta' ordni ta' sospensjoni indirizzata lir-Rumanija. L-Ungerija tkompli billi targumenta li sabiex tistabbilixxi l-eżistenza ta' riskju ta' dannu gravi u irreparabbli f'din il-kawża, li l-Kummissjoni kellha turi li fin-nuqqas tal-ordnijiet ikkontestati, qabel tmiem il-proċedura ta' investigazzjoni formali, l-impriżi milquta mill-miżuri nazzjonali inkwistjoni setgħu jkunu f'sitwazzjoni li tipperikola s-sostenibbiltà finanzjarja tagħhom. Issa, mhux biss il-Kummissjoni ma pproduċietx tali prova, iżda jirriżulta mid-deċiżjonijiet ikkontestati li jista' jiġi rrimedjat dannu eventwali permezz ta' obbligu ta' rkupru tal-għajnuna mogħtija illegalment fid-deċiżjonijiet finali.

64 Fl-aħħar nett, skont l-Ungerija, il-possibbiltà, għall-Kummissjoni, li tordna s-sospensjoni ta' miżura fiskali nazzjonali għar-raġuni biss li din il-miżura tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat, mingħajr ma jkollha turi l-laqgħa tat-tliet kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta' miżuri provviżorji, ma jippreġudikax it-tqassim tar-rwoli iddefinit mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja bejn il-qrati nazzjonali u l-Kummissjoni. Fil-fatt, huma biss il-qrati nazzjonali li għandhom jisiltu l-konsegwenzi ta' eventwali ksur tal-obbligu ta' sospensjoni previst fl-Artikolu 108(3) TFUE. It-tqassim ċar tar-rwoli bejn il-Kummissjoni u l-qrati nazzjonali tikkonferma n-natura eċċezzjonali tal-ordnijiet ta' sospensjoni u jipprekludi lill-Kummissjoni milli tadotta tali ordnijiet għas-sempliċi raġuni li l-għajnuna tkompli titħallas matul il-proċedura ta' investigazzjoni formali. Dan jimplika wkoll li l-Kummissjoni tista' tordna s-sospensjoni ta' miżura nazzjonali li f'każijiet fejn il-miżuri provviżorji adottati mill-qrati nazzjonali skont l-Artikolu 108(3) TFUE jirriżultaw insuffiċjenti.

65 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

66 Mill-espożizzjoni tar-regoli proċedurali li jinsabu fil-punti 24 sa 29 iktar 'il fuq jirriżulta li, meta l-Kummissjoni tiddeċiedi li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali fis-sens tal-Artikolu 4(4) tar-Regolament Nru 659/1999 fil-konfront ta' miżura nazzjonali li ma tkunx ġiet innotifikata lilha, l-Istat Membru għandu jissospendi l-eżekuzzjoni immedjata ta' din il-miżura. Il-fatt li l-klassifikazzjoni tal-miżura nazzjonali inkwistjoni bħala għajnuna mill-Istat illegali hija provviżorja ma għandux jaffettwa l-obbligu ta' sospensjoni.

67 Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Ungerija, il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li minn żmien ilu rrikonoxxiet l-effett dirett tal-obbligu li tissospendi l-ħlas tal-għajnuna statali qabel li l-kompatibbiltà tagħhom mas-suq intern ma tiġix eżaminata mill-Kummissjoni (sentenzi tal-15 ta' Lulju 1964, Costa, 6/64, EU:C:1964:66, p. 1162, u tal-11 ta' Diċembru 1973, Lorenz, 120/73, EU:C:1973:152, p. 8), ma tirriżervax biss għall-qrati nazzjonali l-kompitu li jiġu misluta l-konsegwenzi ta' ksur tal-obbligu ta' sospensjoni eventwali previst fl-Artikolu 108(3) TFUE.

68 Skont il-ġurisprudenza, l-Artikoli 107 TFUE u 108 TFUE jirriżervaw lill-Kummissjoni r-rwol ċentrali u esklużiv għar-rikonoxximent tal-inkompatibbiltà eventwali ta' għajnuna mas-suq intern, ir-rwol tal-qrati nazzjonali huwa li jissalvagwardjaw id-drittijiet li l-partijiet għandhom b'riżultat tal-effett dirett tal-projbizzjoni stipulata fl-aħħar sentenza tal-Artikolu 108(3) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Novembru 1991, Fédération nationale du commerce extérieur des produits alimentaires u Syndicat national des négociants et transformateurs de saumon, C-354/90, EU:C:1991:440, punt 14). Il-kompetenzi mogħtija lill-qrati nazzjonali fil-qasam tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat għalhekk ma jistgħux jillimitaw is-setgħat li għandha l-Kummissjoni f'dan il-qasam. Għall-kuntrarju, skont il-ġurisprudenza, hija s-setgħa tal-qrati nazzjonali li hija limitata meta l-Kummissjoni tadotta deċiżjoni li tinfetaħ proċedura ta' investigazzjoni formali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Novembru 2013, Deutsche Lufthansa, C-284/12, EU:C:2013:755, punti 41 u 42).

69 Kif ġie mfakkar fil-punt 30 hawn fuq, bl-għan li l-Kummissjoni tkun tista' tiggarantixxi l-osservanza tar-regoli tal-Artikolu 108(3) TFUE, ġiet rikonoxxuta lill-Kummissjoni s-setgħa li tordna lill-Istat Membru kkonċernat jissospendi immedjatament il-ħlas ta' għajnuna illegali wara li tagħti lil dak l-Istat Membru l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu.

70 Il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni ta' tali ordni, stabbiliti fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999, huma limitati għal kundizzjoni sostantiva, jiġifieri l-klassifikazzjoni mill-Kummissjoni, f'dan l-istadju tal-proċedura, tal-miżura nazzjonali kkonċernata bħala għajnuna mill-Istat illegali, u kundizzjoni proċedurali, jiġifieri l-fatt li tagħti lill-Istat Membru kkonċernat l-opportunità li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu.

71 Ebda kundizzjoni oħra ma għandha tiġi ssodisfatta, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta ordni skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999 u għandu jiġi enfasizzat li din is-sitwazzjoni hija r-riżultat tal-volontà u mhux, kif issostni l-Ungerija, ommissjoni min-naħa tal-leġiżlatur. Fil-fatt, il-formulazzjoni tal-imsemmi artikolu, li tirrifletti l-istat tad-dritt li jirriżulta mill-ġurisprudenza stabbilita ċċitata fil-punt 30 iktar 'il fuq, ma ġiex emendat bl-emendi introdotti għar-Regolament Nru 659/1999 u ġie rriprodott kif inhu fir-Regolament Nru 2015/1589 il-ġdid.

72 B'mod partikolari, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Ungerija, l-adozzjoni ta' ordni ta' sospensjoni ma tistax tkun suġġetta għal kundizzjonijiet previsti għall-adozzjoni ta' ordni ta' rkupru fis-sens tal-Artikolu 11(2) tar-Regolament Nru 659/1999 jew ispirati mod ieħor abbażi ta' din id-dispożizzjoni.

73 Fil-fatt, fl-ewwel lok, l-ordni ta' sospensjoni hija għodda intiża sabiex tipprevjeni l-kontinwazzjoni tal-ksur tal-obbligu ta' nuqqas ta' implimentazzjoni tal-proġetti intiżi sabiex jistabbilixxu jew jemendaw għajnuna stabbilita fl-Artikolu 108(3) TFUE. Peress li, fil-każ ta' għajnuna mhux notifikata, dan l-obbligu jimmaterjalizza ruħu fil-mument tal-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali u tal-kwalifika provviżorja tal-miżura nazzjonali inkwistjoni bħala għajnuna mill-Istat illegali, il-fatt li tissuġġetta l-adozzjoni ta' ordni ta' sospensjoni għal kundizzjonijiet sostantivi addizzjonali jista' jdgħajjef l-effettività ta' dan il-mekkaniżmu mfassal sabiex jiżgura konformità sħiħa mal-obbligu legali impost fuq l-Istat Membru permezz tal-Artikolu 108(3) TFUE.

74 Fit-tieni lok, il-kundizzjonijiet previsti għall-adozzjoni ta' ordni ta' rkupru huma ġġustifikati min-natura ta' din l-ordni u postha fis-sistema ta' kontroll minn qabel fuq il-proġetti ta' għajnuna ġodda stabbilita mill-Artikolu 108 TFUE.

75 Fil-fatt, skont l-Artikolu 108(2) TFUE, l-għajnuna inkompatibbli trid titneħħa mill-Istati Membri, dan jimplika l-obbligu ta' rkupru tal-għajnuna inkompatibbli diġà mħallsa. Min-naħa l-oħra, skont il-ġurisprudenza, id-dritt tal-Unjoni ma jimponix l-obbligu ta' rkupru totali tal-għajnuna illegali kollha (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Frar 2008, CELF u ministre de la Culture et de la Communication, C-199/06, EU:C:2008:79, punti 52 u 53).

76 Skont il-ġurisprudenza, l-għajnuna mogħtija mill-Istati Membri ma tistax titqies kompatibbli abbażi biss li ġiet implimentata bi ksur tan-notifika u tal-obbligi ta' sospensjoni stabbiliti fl-Artikolu 108(3) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-14 ta' Frar 1990, Franza vs Il-Kummissjoni, C-301/87, EU:C:1990:67, punti 9 sa 11, 16 u 17). Għal din ir-raġuni, anki jekk il-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward ta' miżura nazzjonali fl-ipoteżi prevista fl-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 659/1999 jobbliga lill-Istat Membru kkonċernat jissospendi immedjatament il-ħlas tal-għajnuna, hija ma tobbligahx li jirkupraha.

77 Xorta jibqa' l-fatt li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix il-possibbiltà li tiġi rkuprata l-għajnuna mħallsa illegalment qabel ma l-Kummissjoni tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà tagħhom.

78 Minn naħa, sabiex jagħtu effett sħiħ lid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 108(3) TFUE, huma l-qrati nazzjonali li, fil-każ ta' ksur ta' din id-dispożizzjoni, għandhom jisiltu l-konsegwenzi, konformement mad-dritt nazzjonali tagħhom, kemm fir-rigward tal-validità tal-atti li jinvolvu l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' għajnuna, kif ukoll ir-rifużjoni tal-għajnuna finanzjarja mogħtija bi ksur ta' din id-dispożizzjoni (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Lulju 2005, Xunta de Galicia, C-71/04, EU:C:2005:493, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata). B'mod partikolari, tikkonstata li għajnuna ġiet mogħtija bi ksur tal-aħħar sentenza tal-Artikolu 108(3) TFUE jista', skont iċ-ċirkustanzi, twassal għar-rifużjoni tagħha konformement mar-regoli proċedurali tad-dritt intern, anke jekk din l-għajnuna sussegwentement ġiet iddikjarata kompatibbli mas-suq intern (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Frar 2008, CELF u ministre de la Culture et de la Communication, C-199/06, EU:C:2008:79, punti 52 u 53).

79 Min-naħa l-oħra, il-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda l-possibbiltà li l-Kummissjoni tadotta ordnijiet biex tirkupra l-għajnuna mogħtija illegalment qabel it-tmiem tal-proċedura ta' investigazzjoni formali. Madankollu, minħabba l-assenjazzjoni tas-sitwazzjoni tal-benefiċjarju kkawżata minn tali ordni, huwa ssottometta l-applikazzjoni tagħhom għal kundizzjonijiet stretti kif iddefinit fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament Nru 659/1999.

80 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta l-ewwel nett, li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata tinvoka fid-deċiżjonijiet kontenzjużi prattika stabbilita jew ġurisprudenza li fir-rigward tagħhom in-natura ta' għajnuna mill-Istat tal-miżuri nazzjonali inkwistjoni ma tpoġġietx f'dubju.

81 Madankollu, mill-proċess jirriżulta li, diversi xhur qabel l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati, permezz tad-Deċiżjoni C (2015) 1520 tat-12 ta' Marzu 2015 dwar il-miżura SA.39235 (2015/C) (ex 2015/NN) – It-taxxa fuq ir-reklamar (ĠU 2015, C 136, p. 7), il-Kummissjoni fetħet proċedura ta' investigazzjoni formali fir-rigward ta' taxxa introdotta mill-Ungerija fis-settur tar-reklamar, taxxa li kienet ikkaratterizzata minn rata ta' taxxa gradwali applikabbli għad-dħul mill-bejgħ stabbilit mis-servizzi tar-reklamar mill-kumpanniji tal-midja u li, minħabba dan il-fatt, kienet tixbah il-kontribuzzjoni tas-saħħa u t-tariffa għall-ispezzjoni tal-katina tal-ikel kif emendata. L-adozzjoni ta' dik id-deċiżjoni kienet preċeduta u segwita minn skambji ta' informazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Ungeriżi li fid-dawl tagħhom l-Ungerija ma tistax validament issostni li hija ma kienet taf b'ebda prattika tal-Kummissjoni li tikklassifika l-miżuri fiskali nazzjonali b'tali rata gradwali bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

82 Barra minn hekk, l-Ungerija ma tistax takkuża lill-Kummissjoni li ma ddeterminatx, fid-deċiżjonijiet ikkontestati, kategorija ta' impriżi li huma l-uniċi vantaġġati permezz tal-miżuri nazzjonali inkwistjoni. Fil-fatt, ma huwiex rikjest mill-Kummissjoni li tiddetermina kategorija ta' impriżi, li huma l-uniċi vvantaġġati minn miżura fiskali sabiex din il-miżura tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2016, Il-Kummissjoni vs World Duty Free Group SA *et*, C-20/15 P u C-21/15 P, EU:C:2016:981, punt 93).

83 It-tieni nett, il-Kummissjoni lanqas ma kienet obbligata turi fid-deċiżjonijiet ikkontestati li, fin-nuqqas tal-ordnijiet ikkontestati, il-miżura nazzjonali inkwistjoni tirriskja li twassal, b'mod immedjat, għal dannu gravi u irreparabbli jew li l-impriżi milquta minn dawn il-miżuri setgħu jsibu ruħhom f'sitwazzjoni li tipperikola s-sostenibbiltà finanzjarja tagħhom.

84 F'dan ir-rigward, fil-konfront tal-argument ibbażat fuq Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2007) 4313 (ara l-punt 63 iktar 'il fuq), huwa biżżejjed li jiġi mfakkar li l-validità tal-ordnijiet ikkontestati għandha tiġi eżaminata biss fid-dawl tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament 659/1999 (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Freistaat Sachsen u Land Sachsen-Anhalt vs Il-Kummissjoni, C-459/10 P, mhux ippubblikata, EU:C:2011:515, punt 38 u l-ġurisprudenza ċċitata).

85 It-tielet nett, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Ungerija, il-fatt li t-tliet kundizzjonijiet li hija semmiet fl-argumenti tagħha ma humiex meħtieġa mill-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999 ma jfissirx li s-setgħa diskrezzjonali mogħtija lill-Kummissjoni mill-ġurisprudenza u mil-leġiżlatur tal-Unjoni fir-rigward tal-adozzjoni ta' ordnijiet ta' sospensjoni huwa illimitat jew li ma huwiex suġġett għal ebda kontroll.

86 Fil-fatt, minn naħa, il-limiti li fihom il-Kummissjoni tista' tagħmel applikazzjoni tal-ordnijiet ta' sospensjoni stabbiliti mill-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999, li minnhom jirriżulta li l-Kummissjoni għandha tippreżenta r-raġunijiet li wassluha sabiex tikkunsidra li l-miżura nazzjonali fil-proċess ta' implimentazzjoni tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat ġdida u sabiex tikkonsulta mal-Istat Membru kkonċernat fir-rigward tal-ordni prevista. L-osservanza mill-Kummissjoni ta' dawn il-kundizzjonijiet proċedurali u sostantivi ta' adozzjoni ta' ordni ta' sospensjoni jista' jiġi suġġett għall-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni mill-Istat Membru kkonċernat. Min-naħa l-oħra, kif ġie rrilevat fil-punt 50 iktar 'il fuq, l-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni ma huwiex limitat biss għal kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999 u jista' jestendi, b'mod partikolari, għall-konformità tal-ordni ta' sospensjoni mat-Trattat u mal-prinċipji ġenerali tad-dritt (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2010, E u F, C-550/09, EU:C:2010:382, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

87 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li, bl-adozzjoni l-ordnijiet ikkontestati, il-Kummissjoni ma kisritx l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999. Għalhekk l-ewwel parti tal-ewwel motiv għandha tiġi miċħuda.

– *Fuq it-tieni parti*

88 Permezz tat-tieni parti tal-ewwel motiv, l-Ungerija ssostni, essenzjalment, li ż-żieda ta' kundizzjonijiet addizzjonali għal dawk li diġà jinsabu fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999 hija neċessarja fir-rigward tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

89 Skont l-Ungerija, l-ordni ta' sospensjoni previst fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999 ma huwiex l-uniku mezz biex jiġu kkoreġuti l-effetti ta' miżura fiskali nazzjonali li tista'tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat fi tmiem il-proċedura ta' investigazzjoni formali. Barra minn hekk, tali ordni jikkostitwixxi interferenza fl-ordinament regolatorju intern ta' tali portata li għandu jintuża biss fin-nuqqas ta' strumenti oħra inqas radikali.

90 F'dan il-każ, l-ewwel nett, il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità jimmaterjalizza ruħu mill-fatt li, fid-deċiżjonijiet ikkontestati, il-Kummissjoni tidher tammetti li l-uniċi kriterji ta' ħruġ tal-ordnijiet ikkontestati huma l-eżistenza ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni li jirriżultaw mill-miżuri nazzjonali inkwistjoni u l-fatt li huma baqgħu jiġu applikati fil-mument tal-adozzjoni tal-ordnijiet ikkontestati. Issa, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra wkoll jekk id-distorsjoni tal-kompetizzjoni li tirriżulta minn miżuri nazzjonali inkwistjoni kienet ta' natura sostenibbli u irriversibbli. L-Ungerija tirrileva f'dan ir-rigward li, f'diversi deċiżjonijiet li ttieħdu fis-snin reċenti, il-Kummissjoni ma għamlitx użu tal-ordnijiet ta' sospensjoni, anki jekk, mill-bidu tal-proċedura, deher b'mod ċar li l-miżura nazzjonali kkonċernata kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern.

91 Sussegwentement, il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità mmaterjalizza ruħu mill-fatt li, fl-ittri ta' informazzjoni tas-17 ta' Marzu u tat-13 ta' April 2015 indirizzati lill-awtoritajiet Ungeriżi qabel l-adozzjoni tal-ordnijiet ikkontestati (ara l-punt 5 iktar 'il fuq), il-Kummissjoni llimitat ruħha li tinformahom b'mod vag ħafna u konċiż dwar l-intenzjoni tagħha li tadotta ordni fil-każ li l-informazzjoni pprovduta minn dawn l-awtoritajiet fil-kuntest tal-proċedura ta' investigazzjoni formali tkun insuffiċjenti biex tneħħi d-dubji dwar il-kompatibbiltà tal-miżuri nazzjonali inkwistjoni mas-suq intern. Din il-formulazzjoni timplika li l-uniċi dubji tal-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà ta' miżura jistgħu jikkostitwixxu l-bażi ta' ordni ta' sospensjoni.

92 Fl-aħħar nett, il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità jimmaterjalizza ruħu mill-fatt li l-Kummissjoni indikat fid-deċiżjonijiet kontenzjużi li hija biss in-natura ferm gradwali tal-miżuri nazzjonali inkwistjoni li jista' jkollha effett negattiv fuq il-kompetizzjoni. Madankollu, l-ordnijiet ikkontestati ma jirrigwardawx biss ir-rata gradwali ferm, iżda "gradwali" fl-intier tagħha, li hija sproporzjonata b'mod ċar.

93 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-aggravji.

94 Il-prinċipju ta' proporzjonalità, li jagħmel parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, jeżiġi li l-atti tal-Unjoni ma jeċċedux il-limiti ta' dak li huwa meħtieġ u neċessarju għat-twettiq tal-għanijiet leġittimi li jridu jintlaħqu mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, peress li meta jkun hemm possibbiltà ta' għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tintgħażel l-inqas waħda restrittiva, u li l-inkonvenjenzi li jinħolqu ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet previsti (sentenza tal-24 ta' Mejju 2007, Maatschap Schonewille-Prins, C-45/05, EU:C:2007:296, punt 45).

95 F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok, għandu jiġi kkonstatat li l-argument tal-Ungerija mressaq fil-kuntest ta' din il-parti huwa bbażat fuq l-istess idea li tappoġġja l-ewwel parti, skont liema, sabiex tadotta deċiżjoni ta' ordni ta' sospensjoni, il-Kummissjoni għandha turi l-eżistenza ta' kundizzjonijiet li ma humiex espliċitament previsti mill-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999. Dan l-argument ma jistax jintlaqa' għar-raġunijiet indikati fil-punti 70 sa 86 iktar 'il fuq

96 Fit-tieni lok, għalkemm l-argument imressaq fin-noti tagħha huwa ambigwu fuq dan il-punt, l-Ungerija tidher li qed issostni li, minkejja l-ftuħ tal-proċeduri ta' investigazzjoni formali dwar il-miżuri nazzjonali inkwistjoni, l-awtoritajiet Ungeriżi huma dejjem awtorizzati japplikawhom u dawk li jistgħu jwaqqfuhom milli jagħmlu dan, huma l-ordnijiet ikkontestati. B'hekk jirriżulta mis-sottomissjonijiet tal-Ungerija li dan ma huwiex il-ftuħ tal-proċeduri ta' investigazzjoni formali, iżda biss l-ordnijiet ikkontestati li huma l-oriġini tal-effett ta' sospensjoni tal-miżuri nazzjonali inkwistjoni. Għandu jiġi kkonstatat li tali argument, ibbażat fuq interpretazzjoni żbaljata tal-effetti tad-deċiżjoni li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali, u iktar importanti, l-obbligi imposti fuq l-Istati Membri mill-Artikolu 108(3) TFUE, huwa ddestinat li jiġi miċħud.

97 Madankollu, waqt is-seduta, l-Ungerija sostniet, b'risposta għal domanda tal-Qorti Ġenerali, li l-ftuħ tal-proċeduri ta' investigazzjoni formali f'dan il-każ jimplika obbligu li tissospendi l-miżuri nazzjonali inkwistjoni, li hija kellha dmir li tosserva. L-Ungerija ddikjarat madankollu li dan l-element ma kienx rilevanti għall-evalwazzjoni tal-fondatezza ta' din il-parti tal-ewwel motiv.

98 Mid-deċiżjonijiet ikkontestati (premessa 45 tad-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni tas-saħħa u l-premessa 54 tad-deċiżjoni dwar il-modifika tat-tariffa ta' spezzjoni għall-katina tal-ikel), mhux ikkontestati fuq dan il-punt mill-Ungerija, li, tweġiba għall-ittri ta' informazzjoni tas-17 ta' Marzu u tat-13 ta' April 2015, fejn il-Kummissjoni esprimiet dubji dwar il-kompatibbiltà mas-suq intern tal-miżuri nazzjonali inkwistjoni u evokat il-possibbiltà li tapplika l-ordnijiet ta' sospensjoni, l-awtoritajiet Ungeriżi ma ressqu l-ebda osservazzjoni dwar l-ordnijiet imsemmija. Barra minn hekk, mid-deċiżjoni dwar l-emendar tat-tariffa għall-ispezzjoni tal-katina tal-ikel (premessa 54) jirriżulta li l-awtoritajiet Ungeriżi llimitaw ruħhom li jiddikjaraw li, fil-fehma tagħhom, ir-rata ta' taxxa gradwali tat-tariffa għall-ispezzjoni tal-katina tal-ikel kif emendata ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, li l-Kummissjoni interpretat, ġustament, bħala rifjut li ta' ssuġġettar għall-obbligu ta' sospensjoni, l-adozzjoni tal-ordnijiet ikkontestati għandha tiġi kkunsidrata bħala xierqa u neċessarja sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi segwiti mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, jiġifieri, f'dan il-każ, l-Artikoli 107 u 108 TFUE.

99 Barra minn hekk, għalkemm huwa minnu li l-ordni ta' sospensjoni hija miżura iktar vinkolanti mill-ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali (ara l-punt 32 iktar 'il fuq), dawn iż-żewġ atti primarjament jipproduċu l-istess effett legali, jiġifieri l-obbligu li jiġi sospiż immedjatament il-ħlas

tal-għajnuna mill-Istat ikkonċernata. B'dan il-mod, l-inkonvenjenzi kkawżati lill-Istat Membru minn ordni ta' sospensjoni ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet previsti mill-Artikoli 107 u 108 TFUE.

100 Fit-tielet lok, l-argument tal-Ungerija skont liema l-Kummissjoni kienet ordnat sospensjoni tas-"sistema gradwali" huwa infondat fil-fatt fl-intier tiegħu. Fil-premessa 53 tad-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni tas-saħħa u fil-premessa 62 tad-deċiżjoni dwar l-emendar tat-tariffa għall-ispezzjoni tal-katina tal-ikel, il-Kummissjoni ma ordnatx is-sospensjoni ta' miżuri oħra bħal dawk li hija analizzat b'mod provviżorju bħala għajnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, fit-Taqsimiet 4.1 tal-imsemmija deċiżjonijiet, kif ikkonfermat b'mod ċar fil-premessi 46 u 48 tal-ewwel u l-premessi 55 u 57 tat-tieni dikjarazzjoni, li jidhru fil-partijiet tagħhom dwar il-motivazzjoni tal-ordnijiet ikkontestati.

101 Fl-aħħar nett, l-argument ibbażat fuq il-prattika preċedenti tal-Kummissjoni ma jistax jiġi milqugħ għar-raġunijiet diġà esposti fil-punt 84 iktar 'il fuq. Fi kwalunkwe każ, għandu jitfakkar li, f'kull waħda mill-kawżi ċċitati mill-Ungerija, l-Istati Membri kkonċernati kellhom jissospendu l-eżekuzzjoni tal-miżuri fiskali kkonċernati hekk kif il-Kummissjoni kienet fetħet proċeduri ta' investigazzjoni formali fir-rigward ta' dawn il-miżuri.

102 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li bl-adozzjoni l-ordnijiet ikkontestati, il-Kummissjoni ma kisritx il-prinċipju ta' proporzjonalità. Għalhekk, it-tieni parti ta' dan il-motiv għandha tiġi miċħuda.

103 Għalhekk l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud.

*Fuq it-tieni motiv*

104 It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament.

105 Minn naħa waħda, il-ksur ta' dawn il-prinċipji jirriżulta mill-fatt li l-Kummissjoni ddeċidiet li tuża l-ordnijiet għal sospensjoni fil-konfront tal-Ungerija filwaqt li hija ma użatx dik il-miżura fir-rigward tal-Istati Membri l-oħra, inklużi deċiżjonijiet dwar miżuri fiskali, bħal taxxi tal-ajruport jew il-miżuri magħrufa taħt l-isem ġeneriku tax rulings. Barra minn hekk, minkejja li, fil-passat, il-Kummissjoni adottat miżuri ta' sospensjoni b'mod sporadiku biss, il-Kummissjoni adottat tliet ordnijiet fir-rigward tal-Ungerija, li minnhom iż-żewġ ordnijiet ikkontestati, ħarġu matul is-sena 2015.

106 L-Ungerija tirrileva, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni diġà eżaminat mill-miżuri fiskali bbażati fuq l-istess mudell ta' taxxa gradwali fuq id-dħul mill-bejgħ adottati fl-Ungerija, fil-kuntest tal-proċeduri mibdija skont l-Artikolu 258 TFUE. Hija ssostni li l-ordnijiet ta' sospensjoni adottati fil-konfront tagħha jirriflettu l-intenzjoni tal-Kummissjoni li jevitaw l-imsemmija proċeduri u li jinħoloq effett immedjat fis-sistema legali nazzjonali.

107 Min-naħa l-oħra, il-ksur tal-prinċipji msemmija hawn fuq, kif ukoll il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, jirriżultaw mill-fatt li, fil-ftit każijiet fejn il-Kummissjoni adottat ordnijiet ta' sospensjoni, hija għamlet dan billi bbażat ruħha fuq kriterji ġuridiċi differenti minn dawk applikati f'dan il-każ. B'mod partikolari, f'deċiżjonijiet preċedenti, hija kienet eżaminat in-natura irreparabbli tad-dannu li jista' jirriżulta mill-miżura nazzjonali kkonċernata fin-nuqqas ta' digriet ta' sospensjoni.

108 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

109 Fl-ewwel lok, għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni jew ta' ugwaljanza fit-trattament jeżiġi, skont ġurisprudenza stabbilita, li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara sentenza tas-26 ta' Settembru 2013, IBV & Cie, C-195/12, EU:C:2013:598, punt 50 u l-ġurisprudenza ċċitata).

110 F'dan il-każ, l-Ungerija tinvoka l-ewwel parti ta' dan il-prinċipju, li jgħid li sitwazzjonijiet komparabbli ma għandhomx jiġu ttrattati b'mod differenti. Għaldaqstant, sabiex tkun tista' tikkonstata diskriminazzjoni eventwali, għandu, preliminarjament, jiġi eżaminat jekk is-sitwazzjonijiet invokati mill-Ungerija humiex fil-fatt komparabbli.

111 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, fin-noti tagħha, l-Ungerija tillimita ruħha li tagħmel riferiment għal ċertu numru ta' deċiżjonijiet meħuda mill-Kummissjoni f'dawn l-aħħar snin, li ġew identifikati biss permezz tat-titolu tagħhom. Għal uħud minn dawn id-deċiżjonijiet, lanqas ma huwa ppreċiżat jekk humiex deċiżjonijiet ta' ftuħ tal-proċeduri ta' investigazzjoni formali jew humiex deċiżjonijiet finali, li jtemmu dawn il-proċeduri. L-uniku kriterju li jqarreb dawn id-deċiżjonijiet, lil hinn mill-fatt li dawn kollha jirrigwardaw l-għajnuna mill-Istat, huwa l-fatt li kollha kemm huma jikkonċernaw miżuri fiskali. L-Ungerija ma tispeċifikax, min-naħa l-oħra, jekk, u jekk fl-affermattiv kif, dawn il-miżuri fiskali kienu simili għall-miżuri nazzjonali inkwistjoni. Hija lanqas ma tispeċifika jekk id-deċiżjonijiet li hija tinvoka jikkonċernawx il-miżuri li ġew innotifikati lill-Kummissjoni u jekk l-Istati Membri destinatarji ta' dawn id-deċiżjonijiet osservawx l-obbligu ta' sospensjoni. F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li jiġi kkunsidrat li l-Ungerija ma wrietx li ċ-ċirkustanzi li hija tinvoka kienu effettivament paragunabbli għal tagħha.

112 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li s-setgħa għall-adozzjoni ta' ordnijiet ta' sospensjoni li għandha l-Kummissjoni ma jimplikax l-obbligu li tordna b'mod awtomatiku lill-Istat Membru involut sabiex jissospendi l-ħlas ta' għajnuna li ma tkunx ġiet innotifikata skont l-Artikolu 108(3) TFUE (ara s-sentenza tas-17 ta' Ġunju 1999, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni, C-75/97, EU:C:1999:311, punt 74 u l-ġurisprudenza ċċitata). Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Ungerija, il-Kummissjoni hija ġġustifikata li tikkonkludi, abbażi ta' din il-ġurisprudenza, li hija ma hijiex obbligata timmotiva l-għażla tagħha li ma tadottax ordni ta' sospensjoni f'każ partikolari.

113 Għaldaqstant, is-sempliċi fatt li l-Kummissjoni kienet fetħet proċeduri ta' investigazzjoni formali fir-rigward tal-miżuri fiskali li jeżistu f'ċerti Stati Membri mingħajr ma adottat ordni ta' sospensjoni, filwaqt li, billi fetħet proċeduri ta' investigazzjoni formali fir-rigward tal-miżuri fiskali eżistenti fi Stati Membri oħra, hija adottat tali ordnijiet, ma huwiex suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit ksur tal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' trattament ugwali.

114 Fit-tieni lok, fir-rigward ta' proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu mibdija mill-Kummissjoni fil-konfront tal-Ungerija u l-obbligi pubbliċi bbażati fuq skema ta' taxxa gradwali fuq id-dħul mill-bejgħ, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà kellha l-okkażjoni li tittratta sitwazzjonijiet fejn il-miżuri meħuda minn Stat Membru jaqgħu kemm taħt id-dispożizzjonijiet tat-TFUE dwar il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat u taħt id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE dwar aspetti oħra tal-funzjonament tas-suq intern.

115 Il-Qorti mbagħad qieset li d-differenzi bejn il-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, minn naħa, u sa fejn is-setgħat li għandha l-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tagħhom, min-naħa l-oħra, ma jipprekludux li miżura nazzjonali tkun suġġetta b'mod kumulattiv għad-dispożizzjonijiet tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 110 TFUE u dawk relatati mal-għajnuna mill-Istat u li għalhekk is-suġġett ta' żewġ proċeduri distinti, waħda mibdija skont l-Artikolu 258 TFUE u l-oħra skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 108(2) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Mejju 1980, Il-Kummissjoni vs L-Italja, 73/79, EU:C:1980:129, punti 6 sa 10).

116 Minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li l-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata talli fetħet proċedura ta' investigazzjoni formali, skont l-Artikolu 108(2) TFUE, fir-rigward ta' miżura nazzjonali li hija teżamina fl-istess ħin fil-kuntest ta' proċedura prevista fl-Artikolu 258 TFUE.

117 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-argument tal-Ungerija bbażat fuq it-tqabbil tal-ordnijiet ikkontestati ma' deċiżjoni preċedenti li fiha l-Kummissjoni eżaminat in-natura irreparabbli tad-dannu li jista' jirriżulta minn miżura nazzjonali kkonċernata qabel ma adottat l-ordni ta' sospensjoni, għandu jitfakkar, kif sar fil-punt 84 iktar 'il fuq, li l-validità tal-ordnijiet ikkontestati għandha tiġi eżaminata biss fid-dawl tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999 u mhux fid-dawl tal-prattika preċedenti tal-Kummissjoni.

118 Mill-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti jirriżulta li bl-adozzjoni l-ordnijiet ikkontestati, il-Kummissjoni ma kisritx il-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u ta' ugwaljanza fit-trattament.

119 Għaldaqstant, it-tmien motiv għandu jiġi miċħud.

*Fuq it-tielet motiv*

120 It-tielet motiv huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 296(2) TFUE, tal-Artikolu 41(2) (ċ) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll tad-drittijiet tad-difiża.

121 Skont l-Ungerija, fl-ewwel lok, id-deċiżjonijiet ikkontestati huma vvizzjati b'nuqqas ta' motivazzjoni peress li l-Kummissjoni ma spjegatx għaliex l-adozzjoni tal-ordnijiet ikkontestati ma kienx neċessarju f'dan il-każ. L-Ungerija ssostni li l-istandard ta' motivazzjoni mitlub fil-każ ta' adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ordni ta' sospensjoni għandha tkun iktar stretta fil-każ ta' ftuħ ta' proċedura ta' investigazzjoni formali. Issa, fid-deċiżjonijiet ikkontestati, il-Kummissjoni sempliċement osservat li l-miżuri nazzjonali inkwistjoni jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, li dawn kienu qegħdin jiġu implimentati u li n-natura ferm gradwali tar-rata tal-kontribuzzjoni għas-saħħa u tat-tariffa għall-ispezzjoni tal-katina tal-ikel kif emendata jistgħu jkollhom effetti negattivi fuq il-kompetizzjoni.

122 Sussegwentement, id-deċiżjonijiet ikkontestati huma vvizzjati b'nuqqas ta' motivazzjoni sa fejn il-Kummissjoni ma spjegatx ir-raġunijiet għaliex, f'dan il-każ, hija bbażat l-ordnijiet għal sospensjoni fuq kriterji differenti minn dawk li hija kienet applikat f'kawżi oħra li fihom hija adottat tali ordnijiet. Barra minn hekk, kuntrarjament għall-prattika preċedenti tagħha u l-attitudni adottata f'kawżi oħra, f'dan il-każ il-Kummissjoni ma kinitx ħalliet il-possibbiltà lill-awtoritajiet Ungeriżi li jippreżentaw il-fehmiet tagħhom dwar l-ordnijiet ikkontestati.

123 Barra minn hekk, il-Kummissjoni llimitat ruħha li tistabbilixxi kategoriji ta' impriżi b'fatturat ogħla jew iktar baxx, u peress li injorat ir-rekwiżiti tal-ġurisprudenza, ma ddefinietx iċ-ċirku tal-benefiċjarji esklużivi tal-miżuri nazzjonali inkwistjoni.

124 Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni sempliċement sostniet li l-miżuri nazzjonali inkwistjoni setgħu jkollhom effett sinjifikattiv fuq il-kompetizzjoni fi ħdan is-suq, mingħajr ma tispeċifika liema suq huwa, liema huma l-atturi ekonomiċi attivi f'dan is-suq u kif il-miżuri nazzjonali inkwistjoni jistgħu jinfluwenzawh.

125 Barra minn hekk, fil-kuntest tar-rikors fil-Kawża T-554/15, l-Ungerija ssostni li l-Kummissjoni kisret l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni sa fejn il-motivi tad-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni għas-saħħa, b'mod partikolari fil-premessi 48 u 53 tagħha, huma kontradittorji u mhux preċiżi biżżejjed. Ma huwiex possibbli li jiġu ddeterminati, abbażi ta' din id-deċiżjoni, liema dispożizzjonijiet ta' liġi li tintroduċi il-kontribuzzjoni tas-saħħa għandhom jiġu sospiżi.

126 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

127 Preliminarjament, mingħajr ma jkun hemm bżonn li tittieħed deċiżjoni fuq il-kwistjoni, imqajma mill-Kummissjoni, jekk Stat Membru jista' japplika d-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, għandu jitfakkar, minn naħa, li l-obbligu ta' motivazzjoni tal-atti ġuridiċi meħuda mill-istituzzjonijiet huwa previst mit-Trattat FUE u, min-naħa l-oħra, li l-osservanza tad-drittijiet tad-difiża f'kull proċedura miftuħa kontra persuna u li tista' twassal għal att li jikkawżalha preġudizzju jikkostitwixxi prinċipju fundamentali tad-dritt tal-Unjoni u għandu jiġi żgurat anki fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni speċifika. Ir-rispett tad-drittijiet tad-difiża tal-Istati Membri għandha tiġi żgurata wkoll fi proċedimenti ta' kontroll tal-għajnuna mill-Istat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta' Novembru 1987, Franza vs Il-Kummissjoni, 259/85, EU:C:1987:478, punt 12, u tal-14 ta' Frar 1990, Franza vs Il-Kummissjoni, C-301/87, EU:C:1990:67, punti 29 sa 31).

128 Skont ġurisprudenza stabbilita, il-motivazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 296(2) TFUE għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-awtur tal-att inkwistjoni b'mod li tippermetti lill-persuni kkonċernati jkunu jafu l-ġustifikazzjonijiet tal-miżura meħuda u lill-Qorti Ġenerali li teżerċita l-istħarriġ tagħha, ma huwiex madankollu meħtieġ li din tispeċifika l-elementi kollha ta' dritt jew ta' fatt rilevanti. L-osservanza tal-obbligu ta' motivazzjoni għandha, barra minn hekk, tiġi evalwata mhux biss fid-dawl tal-kliem tal-att, iżda wkoll tal-kuntest tiegħu kif ukoll tar-regoli ġuridiċi kollha li japplikaw fil-qasam ikkonċernat. B'mod partikolari, att ikun immotivat b'mod suffiċjenti meta jiġi adottat f'kuntest magħruf fl-Istat Membru kkonċernat, li jippermettilu jifhem il-portata tal-miżura meħuda (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Novembru 2013, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill, C-63/12, EU:C:2013:752, punti 98 u 99 u l-ġurisprudenza ċċitata).

129 F'dak li jikkonċerna l-istandard tal-motivazzjoni ta' deċiżjoni ta' ordni ta' sospensjoni, għandu jiġi rrilevat li tali ordni għandha tiġi adottata qabel ma l-Kummissjoni tieħu deċiżjoni finali fuq il-kompatibbiltà mas-suq intern tal-miżura kkonċernata, u dan indipendentement mill-fatt li din l-ordni tinħareġ flimkien mad-deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali jew wara. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fid-dawl tal-għan tal-ordnijiet ta' sospensjoni (ara l-punti 30 u 69 iktar 'il fuq), għandu jiġi kkonstatat li, fir-rigward tal-klassifikazzjoni tal-miżura inkwistjoni bħala għajnuna illegali mill-Istat, l-istandard tal-motivi tal-ordni ta' sospensjoni għandu jikkorrispondi għal dak meħtieġ mill-ġurisprudenza għal deċiżjonijiet biex tinfetaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali. Issa, f'dan it-tip ta' deċiżjonijiet, il-Kummissjoni tista' tillimita ruħha li tiġbor fil-qosor l-elementi rilevanti ta' fatt u ta' liġi, li tinkludi evalwazzjoni provviżorja tal-miżura sabiex tiddetermina jekk tippreżentax in-natura ta' għajnuna u tesponi r-raġunijiet li jwasslu għal dubji dwar il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern (sentenza tal-21 ta' Lulju 2011, Alcoa Trasformazioni vs Il-Kummissjoni, C-194/09 P, EU:C:2011:497, punti 102 u 103).

130 Fl-aħħar nett, hemm lok li jitfakkar li, meta tadotta deċiżjoni ta' ordni ta' sospensjoni, il-Kummissjoni għandha turi biss li l-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999 ġew issodisfatti (ara l-punti 71 u 80 sa 84 hawn fuq) u li ma hijiex obbligata li tagħti raġunijiet għall-għażla tagħha li ma tadottax ordni għal sospensjoni f'każ partikolari (ara l-punt 112 hawn fuq).

131 F'dan il-każ, fl-ewwel lok, fir-rigward tal-motivazzjoni dwar il-kundizzjonijiet sostantivi tal-adozzjoni tal-ordnijiet ikkontestati, għandu jiġi kkonstatat li, fil-premessi 10 sa 37 tad-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni tas-saħħa u fil-premessi 20 sa 42 tad-deċiżjoni dwar l-emendar tat-tariffa għall-ispezzjoni tal-katina tal-ikel, il-Kummissjoni esponiet ir-raġunijiet li jiġġustifikaw il-konstatazzjoni provviżorja tagħha li l-miżuri nazzjonali inkwistjoni kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Fil-premessi 42 u 51 rispettivament tal-imsemmija deċiżjonijiet, hija indikat li dawn il-miżuri kienu jikkostitwixxu għajnuna ġdida li ma kinitx ġiet innotifikata, bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE, u għalhekk kellha tiġi kkunsidrata bħala għajnuna illegali. Dawn l-elementi ta' motivazzjoni ġew irriprodotti fil-qosor rispettivament fil-premessi 46 u 55 tad-deċiżjonijiet imsemmija hawn fuq kif jinsabu fil-partijiet tagħhom dwar l-ordnijiet ikkontestati.

132 Dawn il-motivi huma suffiċjenti fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti mill-ġurisprudenza ċċitata fil-punti 128 u 129 iktar ’il fuq. F’dan ir-rigward, minn naħa, l-allegazzjoni tal-Ungerija dwar id-definizzjoni ta’ kategorija ta’ impriżi li huma l-uniċi vantaġġati permezz tal-miżuri nazzjonali inkwistjoni ma tistax tintlaqa’ għar-raġunijiet esposti fil-punt 82 iktar ’il fuq. Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-osservanza tal-obbligu ta’ motivazzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati fir-rigward tad-definizzjoni tas-suq rilevanti, għandu jiġi kkonstatat li, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Ungerija, il-Kummissjoni esponiet b’mod suffiċjenti, fil-kuntest ta’ deċiżjoni tal-ftuħ tal-proċedura prevista fl-Artikolu 108(3) TFUE, fil-premessa 36 tad-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni tas-saħħa u fil-premessa 41 tad-deċiżjoni dwar l-emendar tat-tariffa għall-ispezzjoni tal-katina tal-ikel, x’inhuma l-konsegwenzi li l-miżuri nazzjonali inkwistjoni setgħu jħallu fis-suq tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodotti tat-tabakk u fis-suq tal-bejgħ bl-imnut ta’ prodotti tal-konsum ta’ kuljum.

133 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-motivazzjoni li tirrigwarda l-kundizzjoni proċedurali tal-adozzjoni tal-ordnijiet ikkontestati, għandu jiġi kkonstatat li, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Ungerija, il-Kummissjoni tatha l-possibbiltà li tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha fuq l-ordnijiet ikkontestati qabel l-adozzjoni tagħhom. Fil-fatt, l-ittri ta’ informazzjoni tas-17 ta’ Marzu u tat-13 ta’ April 2015, annessi mar-rikorsi tagħha mill-Ungerija, jagħmlu riferiment ċar għall-fatt li l-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-possibbiltà li tuża l-ordnijiet previsti fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999 u li, skont din id-dispożizzjoni, hija tistieden lill-Ungerija biex tissottometti l-kummenti tagħha fi żmien 20 jum tax-xogħol. Mid-deċiżjonijiet ikkontestati, jirriżulta wkoll, mingħajr ma l-Ungerija tikkontesta dan, li l-awtoritajiet Ungeriżi ma pprovdewx fi żmien utli l-osservazzjonijiet tagħhom fuq l-ordnijiet previsti.

134 Fit-tielet lok, fir-rigward tal-motivazzjoni dwar il-ħtieġa tal-ordnijiet ikkontestati, għandu jiġi osservat li, jekk jirriżulta mill-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999 li l-Kummissjoni għandha tippreżenta r-raġunijiet li wassluha biex tikkunsidra li l-miżura nazzjonali fil-proċess ta’ implimentazzjoni tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat ġdida, din id-dispożizzjoni ma timponix madankollu lill-Kummissjoni tiġġustifika b’mod speċifiku l-possibbiltà li t-teħid ta’ ordni f’każ partikolari. Il-possibbiltà ta’ din l-azzjoni tkun iġġustifikata, fil-fatt, permezz tal-eżistenza ta’ ksur li jkun seħħ, minn Stat Membru, tal-Artikolu 108(3) TFUE.

135 Madankollu, f’sitwazzjoni bħal dik f’din il-kawża, fejn l-ordni ta’ sospensjoni għandha tiddaħħal f’deċiżjoni li tiftaħ il-proċedura ta’ investigazzjoni formali, fid-dawl tal-marġni wiesa’ ta’ diskrezzjoni li għandha l-Kummissjoni skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999 kif ukoll l-effett legali speċifiku li tipproduċi deċiżjoni ta’ ordni ta’ sospensjoni skont l-Artikolu 12 ta’ dan ir-regolament, hemm lok li jiġi kkunsidrat li d-deċiżjoni dwar l-adozzjoni ta’ tali ordni għandha tippermetti li jinftiehem għalfejn, skont il-Kummissjoni, l-Istat Membru kkonċernat ma kienx osserva l-obbligu li jirriżulta mill-Artikolu 108(3) TFUE u li jissospendi l-implimentazzjoni tal-miżuri eżaminati wara l-ftuħ tal-proċedura ta’ investigazzjoni formali.

136 F’dan il-każ, mid-deċiżjonijiet ikkontestati jirriżulta li, b’risposta għall-ittri ta’ informazzjoni tas-17 ta’ Marzu u tat-13 ta’ April 2015, l-awtoritajiet Ungeriżi argumentaw li l-miżuri nazzjonali inkwistjoni ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, kif ġie rrilevat fil-punt 133 iktar ’il fuq, jirriżulta wkoll mid-deċiżjonijiet ikkontestati li l-imsemmija awtoritajiet ma laqgħux l-istedina tal-Kummissjoni sabiex tissottometti kummenti dwar l-ordnijiet ta’ sospensjoni li l-adozzjoni tiegħu kienet prevista. Issa, dawn l-elementi huma biżżejjed biex wieħed jifhem li l-Kummissjoni qieset, fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, li hemm riskju ta’ implimentazzjoni tal-miżuri nazzjonali inkwistjoni minkejja l-ftuħ tal-proċedura ta’ investigazzjoni formali.

137 Fl-aħħar nett, mill-proċess jidher li ftit xhur qabel l-adozzjoni tal-ordnijiet ikkontestati, il-Kummissjoni fetħet proċedura ta’ investigazzjoni formali kontra miżuri fiskali Ungeriżi bbażati fuq l-istess mudell bħall-miżuri nazzjonali inkwistjoni (ara 81 hawn fuq) u li dawn il-miżuri ma ġewx sospiżi minkejja l-bidu ta’ dik il-proċedura. Għalkemm dan l-element mhux imsemmi fid-deċiżjonijiet ikkontestati, huwa jifforma parti mill-kuntest tal-adozzjoni l-ordnijiet ikkontestati li l-awtoritajiet Ungeriżi ma setgħux jinjoraw.

138 F'dan il-kuntest, għandu jiġi kkunsidrat li l-awtoritajiet Ungeriżi kienu f'pożizzjoni li jifhmu r-raġunijiet għaliex il-Kummissjoni ddeċidiet, fid-deċiżjonijiet ikkontestati, li tirrikorri b'mod effettiv għall-ordnijiet ta' sospensjoni, peress li fin-nuqqas ta' kummenti speċifiċi tagħhom fir-rigward tal-possibbiltà ta' dawn l-ordnijiet, il-Kummissjoni ma kellhiex tirrispondi fl-imsemmija deċiżjonijiet għal argumenti speċifiċi.

139 Fir-raba' lok, fir-rigward tal-argument imressaq mill-Ungerija fil-kuntest tar-rikors fil-Kawża T-554/15, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-qari tad-deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni tas-saħħa ma tħalli ebda dubju fir-rigward tal-portata tal-ordni ta' sospensjoni. Din hija speċifikata, bħala konklużjoni, fil-premessa 53 ta' din id-deċiżjoni, fejn il-Kummissjoni tistieden lill-Ungerija biex tissospendi l-applikazzjoni ta' rata gradwali tal-kontribuzzjoni għas-saħħa kif ukoll it-tnaqqis ta' din it-taxxa applikabbli f'każijiet ta' investimenti.

140 Minn dak li ntqal jirriżulta li, fid-dawl tar-rekwiżiti stabbiliti mill-ġurisprudenza fir-rigward tar-rispett tal-obbligu ta' motivazzjoni, imfakkra fil-punt 128 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni mmotivat biżżejjed id-deċiżjonijiet ikkontestati.

141 Barra minn hekk, l-ilment ibbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża għandu jiġi miċħud, peress li l-Ungerija ma tressaq ebda argument insostenn tiegħu. Fi kwalunkwe każ, kif ġie indikat fil-punt 133 iktar 'il fuq, kuntrarjament għal dak li ssostni l-Ungerija, il-Kummissjoni tatha l-possibbiltà li tippreżenta osservazzjonijiet fuq l-ordnijiet ikkontestati qabel l-adozzjoni tagħhom.

142 Għaldaqstant, it-tielet motiv għandu jiġi miċħud.

*Fuq ir-raba' motiv*

143 Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq ksur tal-obbligu ta' kooperazzjoni leali, previst fl-Artikolu 4(3) TUE, tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba u tad-dritt għal rimedju effettiv.

144 L-Ungerija ssostni li, fl-ittri ta' informazzjoni tas-17 ta' Marzu u tat-13 ta' April 2015, il-Kummissjoni llimitat ruħha li ssemmi l-possibbiltà li tadotta ordni ta' sospensjoni, mingħajr ma tindika essenzjalment ir-raġunijiet li kienu jiġġustifikaw il-ħtieġa ta' din l-ordni. Madankollu, l-osservanza tad-dmir ta' koperazzjoni leali eżiġiet li l-Kummissjoni u l-Ungerija jsibu soluzzjoni li tippermetti li jitneħħew l-effetti antikompetittivi tal-miżuri nazzjonali inkwistjoni. L-Ungerija żżid tgħid f'dan ir-rigward li, f'dan il-każ, il-Kummissjoni adottat l-ordnijiet ikkontestati wara proċedura qasira ħafna, imnaqqsa għal skambju wieħed biss ta' korrispondenza.

145 Iċ-ċirkustanzi msemmija hawn fuq jirrivelaw ukoll ksur tad-drittijiet tad-difiża, b'mod partikolari tad-dritt għal smigħ, kif ukoll il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, kif iggarantit mill-Artikoli 41, 47 u 48 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali. Fil-fatt, sa fejn il-Kummissjoni ma kinitx ippreżentat lill-awtoritajiet Ungeriżi l-pożizzjoni tagħha fuq il-mertu dwar il-bżonn ta' ordni, dawn l-awtoritajiet ma kinux tpoġġew f'pożizzjoni li jippreżentaw l-argumenti tagħhom qabel l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati.

146 Barra minn hekk, l-Ungerija ssostni li l-ordnijiet ikkontestati ġegħluha temenda l-leġiżlazzjoni tagħha saħansitra qabel il-klassifikazzjoni tal-miżuri nazzjonali inkwistjoni bħala għajnuna mill-Istat illegali, kienet eżaminata. Jekk l-Ungerija neħħiet dawn il-miżuri sabiex josservaw l-ordnijiet ikkontestati, il-Kummissjoni għalqet il-proċedura ta' investigazzjoni formali u b'hekk ċaħditilha l-opportunità li tikkontesta l-klassifikazzjoni ta' dawn il-miżuri ta' għajnuna illegali quddiem il-qrati tal-Unjoni.

147 Il-Kummissjoni tikkontesta dawn l-argumenti.

148 Skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom, f'rispett reċiproku sħiħ, jgħinu lil xulxin fit-twettiq tal-kompiti li joħorġu mit-Trattati. Dan l-istess prinċipju jirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu kull miżura ġenerali jew partikolari xierqa sabiex jassiguraw li l-obbligi li joħorġu mit-Trattati jew li jirriżultaw mill-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni. L-Istati Membri huma wkoll obbligati li jiffaċilitaw it-twettiq mill-Unjoni tal-missjoni tagħha u li jevitaw kwalunkwe miżura li tista' tqiegħed f'periklu l-kisba tal-għanijiet tal-Unjoni.

149 L-Artikolu 108(3) TFUE jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni, fi żmien suffiċjenti sabiex din tkun tista' tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha, dwar kull proġett biex tiġi mogħtija jew biex tiġi mmodifikata għajnuna. L-Istati Membri huma obbligati ma jimplimentaw l-għajnuna nnotifikata sakemm il-Kummissjoni tiddeċiedi dwar il-kompatibbiltà tagħhom mas-suq intern, inkluż matul il-fażi preliminari tal-proċedura, qabel il-ftuħ possibbli ta' proċedura prevista fl-Artikolu 108(2) TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Diċembru 1973, Lorenz, 120/73, EU:C:1973:152, p. 8).

150 Minn naħa, għandu jitfakkar ukoll li, sabiex ma tiġix imblukkata l-azzjoni leġiżlattiva tal-Istati Membri, ir-Regolament Nru 659/1999 jipprevedi terminu ta' xahrejn li fih il-Kummissjoni għandha tlesti l-eżami preliminari tan-notifika. Barra minn hekk, l-Artikolu 4(6) ta' dan ir-regolament jipprovdi li, meta l-Kummissjoni ma tadottax deċiżjoni li ttemm il-fażi preliminari tal-proċedura fit-terminu ta' xahrejn, l-għajnuna għandha tinftiehem li kienet awtorizzata u l-Istat Membru kkonċernat jista' jimplimentaha. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni adottat regolamenti li jiddikjaraw li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern bl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 TFUE, li jistipulaw il-kundizzjonijiet li taħthom ċerti kategoriji ta' għajnuna ma għandhomx aktar ikunu nnotifikati u li għalhekk l-Istati Membri jistgħu jevalwaw il-ħtieġa ta' notifika. Ir-regolament applikabbli *ratione temporis* f'din il-kawża huwa r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 [TFUE] (ĠU 2014, L 187, p. 1).

151 Fl-aħħar nett, kif ġie mfakkar fil-punti 25 sa 29 iktar 'il fuq, skont l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 659/1999, l-eżami ta' għajnuna mhux innotifikata bi ksur tal-obbligu li jirriżulta mill-Artikolu 108(3) TFUE, jista' jwassal għal deċiżjoni ta' ftuħ tal-proċedura formali ta' eżami li jobbliga lill-Istat Membru biex jissospendi minnufih l-implimentazzjoni tal-għajnuna inkwistjoni. Jekk Stat Membru jkompli jimplimenta għajnuna mill-Istat mhux innotifikata, il-Kummissjoni tista' wkoll toħroġlu ordni ta' sospensjoni skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 659/1999. Din l-ordni tista' wkoll tiġi inkluża fid-deċiżjoni li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali, kemm-il darba l-Istat Membru kkonċernat ikun ingħata l-opportunità li jippronunzja ruħu fuq dan is-suġġett qabel l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Ottubru 2001, L-Italja vs Il-Kummissjoni, C-400/99, EU:C:2001:528, punt 60).

152 F'dan il-każ, kif jirriżulta mid-deċiżjonijiet ikkontestati, li fuq dan il-punt ma humiex ikkontestati mill-Ungerija, b'risposta għall-ittri ta' informazzjoni tas-17 ta' Marzu u tat-13 ta' April 2015, l-awtoritajiet Ungeriżi llimitaw ruħhom li jiddikjaraw li, skont huma, il-miżuri nazzjonali inkwistjoni ma kinux jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat. Huma ma ppreżentawx osservazzjonijiet dwar l-ordnijiet ta' sospensjoni li l-adozzjoni tagħhom mill-Kummissjoni kienet imħabbra fl-ittri tagħha. Għandu jiġi kkonstatat li, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, li setgħu jiġu interpretati mill-Kummissjoni bħala li joħlqu riskju ta' rifjut tal-awtoritajiet Ungeriżi li jikkollaboraw fil-kuntest tal-proċedura stabbilita bl-Artikolu 108 TFUE billi jissuġġettaw ruħhom għall-obbligu ta' sospensjoni, il-Kummissjoni setgħet, mingħajr ma tikser il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, tuża l-mezzi previsti mil-leġiżlatur tal-Unjoni sabiex tiżgura l-osservanza tal-Artikoli 107 u 108 TFUE.

153 Kuntrarjament għal dak li ssostni l-Ungerija, l-użu ta' tali mezzi mill-Kummissjoni ma jwassalx għal ksur tad-dritt għal rimedju effettiv. Skont il-ġurisprudenza, l-Istati Membri għandhom, fil-fatt, rimedju quddiem il-Qorti Ġenerali, kontra d-deċiżjonijiet ta' ftuħ tal-proċedura ta' investigazzjoni formali kif ukoll kontra l-ordnijiet ta' sospensjoni (ara l-punti 39 u 50 iktar 'il fuq).

154 Fil-kuntest ta' tali rikors, l-Istati Membri jistgħu jikkontestaw kemm il-klassifikazzjoni tal-miżura nazzjonali kkonċernata bħala għajnuna mill-Istat kif ukoll il-klassifikazzjoni tagħha bħala għajnuna ġdida suġġetta għall-obbligu ta' sospensjoni, u dan jippermettilhom li juri li din il-miżura ma kinitx suġġetta għal obbligu ta' notifika u lanqas għal dik ta' sospensjoni.

155 L-Istati Membri jistgħu wkoll, kif għamlet f'dan il-każ, l-Ungerija, jastjenu milli jikkritikaw il-klassifikazzjoni tal-miżura bħala għajnuna mill-Istat illegali u li sempliċement jirrappurtaw il-vizzji tal-ordni ta' sospensjoni. Madankollu, f'każ bħal dan, anki jekk wieħed jassumi li dan ir-rikors jiġi milqugħ, ma jistax ikollu bħala konsegwenza t-tneħħija tal-obbligu ta' sospensjoni, peress li dan huwa marbut ukoll mad-deċiżjoni li tinbeda l-proċedura ta' investigazzjoni formali.

156 Barra minn hekk, fir-rigward tal-ilment ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li l-Ungerija ma tressaq l-ebda argument insostenn tiegħu. Għaldaqstant, dan l-ilment għandu jiġi miċħud.

157 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, hemm lok li jiġi miċħud ir-raba' motiv u, għaldaqstant, ir-rikorsi għandhom jinċaħdu fl-intier tagħhom.

**Fuq l-ispejjeż**

158 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

159 F'dan il-każ, peress li l-Ungerija tilfet, kemm fil-Kawża T-554/15 kif ukoll fil-Kawża T-555/15, hemm lok li hija tiġi kkundannata għall-ispejjeż sostnuti f'kull waħda minn dawn il-kawżi, skont it-talbiet tal-Kummissjoni f'dan is-sens.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Id-Disa' Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

**1) Ir-rikorsi huma miċħuda.**

**2) L-Ungerija hija kkundannata għall-ispejjeż.**

| | | |
|---|---|---|
| Gervasoni | Madise | Kowalik-Bańczyk |

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-25 ta' April 2018.

Firem